

MT 2024

05

Rapport Speċjali

Reġistru tat-Trasparenza tal-UE jiprovoġi informazzjoni utli iżda limitata dwar l-attivitajiet ta' lobbjar



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I - VIII
Introduzzjoni	01 - 12
Ambitu u approċċ tal-awditjar	13 - 19
Osservazzjonijiet	20 - 74
Il-ftehim interistituzzjonali tal-EUTR għandu karatteristiċi pożittivi, iżda l-miżuri ta' infurzar mhumiex bieżejjed	20 - 26
II-FII 2021 huwa ġeneralment konsistenti mal-prinċipji internazzjonali	22 - 23
Il-miżura prinċipali ta' infurzar disponibbli hija t-tnejha tal-lobbisti mir-registrū	24 - 26
Mhux il-lobbjar kollu jeħtieġ reġistrazzjoni fl-EUTR, iżda l-i-stituzzjonijiet poġġew fis-seħħ xi miżuri ta' trasparenza komplementari	27 - 48
Il-lobbisti jeħtiġilhom jirregistrar fl-EUTR għal ċerti laqgħat u attivitajiet biss	28 - 40
L-iġiż-żonijiet qed jieħdu passi komplementari biex iżidu t-trasparenza u jinkoraġġixxu r-reġistrazzjoni	41 - 48
L-arranġamenti ta' ħidma tas-Segretarjat tal-EUTR jiltaqgħu ma' sfidi ta' koordinazzjoni u kwalità tad-data	49 - 71
Bħala struttura operattiva konġunta, is-Segretarjat jeħtieg koordinazzjoni sinifikanti	51 - 58
Il-kwalità tad-data mhix ottimali, iżda l-verifikasi tas-Segretarjat reċentement tjiebu	59 - 71
Is-sit web tal-EUTR għandu limitazzjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-kompletezza u l-faċilità għall-utent	72 - 74
Konklużjonijiet u rakkmandazzjoni	75 - 82

Annessi

Anness I – Definizzjonijiet ta' lobbjar

Anness II – Rekwiżiti ta' divulgazzjoni finanzjarja differenti

Anness III – Tipi ta' reġistranti u rappreżentazzjoni tal-interessi ddikjarata

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Parlament

Risposti tal-Kunsill

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Sommarju eżekuttiv

I Il-lobbjar huwa rikonoxxut b'mod wiesa' bħala għodda essenzjali f'soċjetajiet demokratiċi. Dan jippermetti lill-organizzazzjonijiet u lill-individwi jkollhom xi input fil-politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet billi jressqu t-tħassib u l-ideat tagħhom. Min-naħa l-oħra, mingħajr mekkaniżmi ta' trasparenza, il-lobbjar jista' jirriżulta f'influwenza indebita, kompetizzjoni inġusta, jew saħansitra korruzzjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea waqqfu r-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE għall-ewwel darba permez ta' ftehim interistituzzjonali fl-2011. Il-Kunsill ingħaqad mar-reġistru fil-ftehim l-aktar reċenti, li jmur lura għall-2021 u sejkun suġġett għal reviżjoni sa Lulju 2025. Għalhekk, l-awditi li wettaqna għandu l-għan li jipprovd analiżi u rakkmandazzjonijiet f'waqthom li jistgħu jiġu jitqiesu għal dik ir-reviżjoni.

II L-objettiv tal-awditi li wettaqna kien li nivvalutaw jekk ir-reġistru tat-Trasparenza huwiex mezz utli biex tiġi pprovdu trasparenza dwar l-attivitàajiet ta' lobbjar fil-politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE. L-awditi ffoka fuq il-perjodu 2019-2022.

III Nikkonkludu li l-ftehim interistituzzjonali tal-2021 dwar ir-reġistru tat-Trasparenza fi l-elementi prinċipali meħtieġa mill-prinċipji internazzjonali għal qafas ta' lobbjar u reġistru tat-Trasparenza jipprovd informazzjoni utli sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jseggwu l-prattiki ta' lobbjar. Madankollu, fil-prattika, id-dgħufijiet u l-lakuni f'dik l-informazzjoni jnaqqsu t-Trasparenza tal-attivitàajiet ta' lobbjar li jseħħu fit-tliet istituzzjonijiet firmatarji.

IV Waħda mill-karatteristiċi ewlenin introdotti fl-2021 kienet il-“prinċipju tal-kundizzjonalità”, li ddikjara li r-reġistrazzjoni hija prekundizzjoni għal ċerti attivitajiet ta' lobbjar fl-istituzzjonijiet firmatarji. Madankollu, sibna li l-istituzzjonijiet kellhom approċċi differenti għal dan il-prinċipju, u li dan kien ikopri biss ċerti attivitajiet u persunal tal-ogħla grad biss. Barra minn hekk, filwaqt li l-lobbisti jistgħu jitneħħew mir-reġistru f'ċerti każijiet, miżuri ta' infurzar biex jiġi żgurat li l-lobbisti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' regiestrazzjoni u informazzjoni huma limitati.

V Is-Segretarjat tar-reġistru tat-Trasparenza huwa struttura operattiva konġunta stabbilita biex jimmaniġġa l-funzjonament tar-reġistru. L-arranġamenti ta' ħidma tas-Segretarjat huma informali, u n-natura konġunta tiegħu tfisser li hija meħtieġa koordinazzjoni sinifikanti, li min-naħħa tagħha żżid ir-riskji għall-effiċjenza operazzjonali. L-awditi li wettaqna identifika problemi bil-kwalità tad-data, bħal regiestrazzjonijiet duplikati, data inkonsistenti jew mhux kompleta, u data obbligatorja nieqsa. Osservajna titjib reċenti fil-verifikasi tas-Segretarjat.

VI Ir-reġistranti jistgħu jiddikjaraw huma stess għal liema kategorija jappartjenu, element li tiddetermina r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni finanzjarja tagħhom. Għalhekk hemm riskju li r-reġistranti ffinanzjati minn partijiet terzi ma jiddivulgawx informazzjoni finanzjarja, inklużi s-sorsi ta' finanzjament tagħhom billi jiddikjaraw li jirrappreżentaw l-interessi tagħhom stess jew l-interessi kollettivi tal-membri tagħhom.

VII Sibna wkoll limitazzjonijiet sinifikanti fl-informazzjoni pprovduta mis-sit web pubbliku tar-registro tat-trasparenza. Xi *data* importanti, bħal laqgħat individwali mal-Membri tal-Parlament Ewropew, jew *data* storika dwar entitajiet irreġistrati mill-ġdid hija nieqsa. Barra minn hekk, is-sit web ma jipprovdix *data* aggregata dwar il-lobbisti u l-attivitajiet tagħhom b'mod interattiv.

VIII Aħna rrakkommandajna li l-istituzzjonijiet firmatarji:

- issaħħu l-qafas tar-registro tat-trasparenza;
- jippubblikaw informazzjoni dwar laqgħat mhux skedati mal-lobbisti;
- itejbu l-verifikasi tal-kwalità tad-*data*; u
- itejbu l-faċilità għall-utent u r-rilevanza tas-sit web pubbliku tar-registro tat-trasparenza.

Introduzzjoni

01 Il-lobbjar huwa rikonoxxut b'mod wiesa' bħala parti integrali mid-demokrazija. Ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, spiss imsejħa "lobbisti", jistgħu jiprovvdu għarfien u *data* siewja għad-deċiżuri pubbliċi bl-għarfien espert u l-evidenza tagħhom dwar kwistjonijiet ta' politika. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jesīġi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jżommu djalgu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà civili¹. Madankollu, jekk il-lobbjar ma jkunx trasparenti biżżejjed, dan jista' jwassal għal influwenza indebita, kompetizzjoni inġusta, jew saħansitra korruzzjoni.

02 Ma hemm l-ebda definizzjoni unika ta' lobbjar (ara l-*Anness I*), għalkemm dawk disponibbli – pereżempju, mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), jew mill-Kunsill tal-Ewropa² – huma pjuttost simili. Il-Kunsill tal-Ewropa jiddefinixxi l-lobbjar bħala sforz miftiehem biex jiġu influwenzati l-formulazzjoni tal-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet bil-ħsieb li jinkiseb xi riżultat deżinjat mingħand l-awtoritajiet tal-gvern u r-rappreżentanti eletti³. Ir-regolamentazzjoni tal-lobbjar tolqot kwistjonijiet ta' etika, trasparenza, integrità, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Diversi gvernijiet madwar id-dinja, u diversi organizzazzjonijiet internazzjonali żviluppaw regolamenti, princiċpi, standards jew linji gwida⁴ bl-ġħan li jistabbilixxu prattiki ta' lobbjar trasparenti u etiċi.

03 Fl-2011, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ddeċidew li jistabbilixxu Reġistro tat-Trasparenza Konġunt, li aktar tard ingħata l-isem ġdid ta' Reġistro tat-Trasparenza tal-UE (EUTR), permezz ta' ftehim interistituzzjonali ([2011 IIA](#)). Il-ftehim ġie rivedut fl-2014, meta l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea sar osservatur. Fl-2021, ġie ffirmat ftehim ġdid meta l-Kunsill issieħeb bħala t-tielet istituzzjoni firmatarja, ara l-*Figura 1*.


¹ L-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

² L-OECD (2021), *Lobbying in the 21st Century Transparency, Integrity and Access*, OECD Publishing, Paris, 2021. Il-Kunsill tal-Ewropa, Recommendation CM/Rec (2017)2.

³ Parliamentary Assembly of the Council of Europe, *Recommendation CM/Rec (2017)2* u *explanatory memorandum*, punt B.1.10.

⁴ Il-Ġermanja, *Lobbyregistergesetz (l-Att dwar ir-Reġistro tal-Lobbjar)* 2021, l-Irlanda, *Regulation of Lobbying Act 2015*, l-OECD (2012), *Private Interests, Public Conduct: The Essence of Lobbying*, il-Kunsill tal-Ewropa, *Recommendation CM/Rec (2017)2* u *memorandum* ta' spjegazzjoni.

Figura 1– Kronoloġija tal-ftehimiet dwar reġistru tat-trasparenza



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-FII 2011, il-FII 2014, il-Proposta mill-Kummissjoni għal Ftehim Interistituzzjoni 2016 u l-FII 2021.

04 Bħal fil-każ tal-predeċessuri tiegħu, il-FII 2021 iddefinixxa ċerti regoli li bihom l-istituzzjonijiet firmatarji qablu li jintrabtu bihom. Mhuwiex att leġiżlattiv tal-UE li jista' jiġi infurzat. L-għan tiegħu huwa li jippermetti liċ-ċittadini jsegwu prattiki ta' lobbjar u jsiru jafu dwar l-influwenza potenzjali tal-lobbisti, inkluż permezz tad-divulgazzjoni tal-appoġġ finanzjarju tagħhom⁵.

05 Il-FII 2021 introduċa l-prinċipju tal-kundizzjonalità⁶. Dan jagħmel ir-reġistrazzjoni fl-EUTR prekundizzjoni meħtieġa għal-lobbisti li jixtiequ jkollhom ċerti interazzjonijiet ma' membri jew persunal tal-istituzzjonijiet firmatarji. Kull istituzzjoni impenjat ruħha fil-FII 2021 li tistabbilixxi s-sett tagħha stess ta' miżuri ta' kundizzjonalità u trasparenza permezz tad-deċiżjonijiet individwali tagħha stess⁷. Dawn jiddefinixxu l-attivitajiet li għalihom ir-reġistrazzjoni tal-EUTR hija prekundizzjoni għall-interazzjoni tal-lobbisti mal-istituzzjonijiet firmatarji (eż. l-attendenza ta' laqgħat, konferenzi, gruppi ta' esperti jew seduti ta' smiġħ), u attivitajiet oħra li għalihom ir-reġistrazzjoni hija mħegħġa, għalkemm mhux prekundizzjoni. L-istituzzjonijiet firmatarji qablu dwar approċċ ikkoordinat rigward l-attivitajiet ta' lobbjar koperti mill-FII 2021, iżda mhux dwar liema minn dawn l-attivitajiet iddeċidew, kull waħda minnhom, li jagħmlu kundizzjonal fuq ir-reġistrazzjoni⁸.

⁵ FII 2021, il-premessa 5.

⁶ Ibid., il-premessa 7.

⁷ Ibid., l-Artikolu 5.

⁸ Ibid., l-Artikolu 1.

06 Is-Segretarji Ĝeneralni tal-istituzzjonijiet firmatarji jiffurmaw il-Bord tat-Tmexxija tal-EUTR. Il-Bord jissorvelja l-implementazzjoni ġeneralni tal-FII 2021, jiddetermina l-prioritajiet għall-EUTR, joħroġ struzzjonijiet ġeneralni lis-Segretarjat tal-EUTR, u jadotta r-rapport annwali mħejji mis-Segretarjat. Is-Segretarji Ĝeneralni jippresiedu l-Bord fuq bażi ta' rotazzjoni għal terminu ta' sena u jiddeċċiedu b'kunsens⁹. Is-Segretarjat, li jassisti lill-Bord, huwa struttura operattiva konġunta li jikkonsisti f'persunal mit-tliet istituzzjonijiet firmatarji, stabbilit biex jimmaniġġja l-funzjonament tal-bażi ta' *data* tal-EUTR u s-sit web pubbliku tal-EUTR b'ekwivalenti ta' 10 membri tal-persunal full-time (matul l-2022¹⁰).


07 L-istituzzjonijiet firmatarji jiddelegaw lill-Bord u lis-Segretarjat is-setgħa li jaġixxu f'isimhom għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet individwali dwar l-applikanti u r-reġistranti (eż. dwar l-el-ġibbiltà, it-tnejħha mir-registro, il-verifikasi fuq il-kwalità tad-data)¹¹. Il-*Figura 2* tagħti ħarsa ġenerali lejn l-arranġamenti ta' implementazzjoni għall-EUTR.

⁹ *Ibid.*, l-Artikolu 7.

¹⁰ Ir-Rapport Annwali 2022 tal-EUTR.

¹¹ Il-FII 2021, l-Artikolu 9.


Figura 2 – II-FII 2021 u l-arranġamenti ta' implementazzjoni



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il [FII 2021](#).

08 L-għadd ta' entitajiet irreġistrati fl-EUTR kiber b'mod sinifikanti sa mill-bidu tiegħu u, fi tmiem l-2022, kien jinkludi aktar minn 12 000 reġistrant, ara l-*Figura 3*.

Figura 3 – Entitajiet irregistrati fl-EUTR matul is-snin



Sors: il-QEA, ibbażat fuq ir-rapporti annwali tal-EUTR.

09 L-Artikoli 11 u 12 tal-*FII 2021* jippermettu lill-iċċituzzjonijiet mhux firmatarji tal-UE, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenċiji flimkien mal-Istati Membri, jinnotifikaw lill-Bord tat-Tmexxija bil-miżuri li permezz tagħhom jiddeċiedu li jagħmlu ċerti attivitajiet suġġetti għal reġistrazzjoni fl-EUTR, jew bi kwalunkwe miżura ta' trasparenza komplementari li jieħdu. Sa Settembru 2023, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjalista Ewropew biss kien innotifika lill-Bord dwar tali miżuri ta' trasparenza komplementari¹², li daħlu fis-seħħ f'Ġunju 2023. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta miżuri simili fl-4 ta' Lulju 2023.

¹² Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjalista Ewropew, id-Deċiżjoni C.6 tal-21 ta' Marzu 2023.

10 L-Istati Membri nnotifikaw biss dikjarazzjoni politika magħmula fl-okkażjoni tal-adozzjoni tal-FII 2021 mill-Kunsill¹³, fejn ħadu l-impenn li l-laqgħat bejn il-lobbisti u rappreżentant permanenti u d-deputat rappreżentant permanenti tagħhom jkunu kundizzjonali fuq ir-reġistrazzjoni ta' tali lobbisti fl-EUTR. Dan kien jikkonċerna biss laqgħat matul it-terminu tal-presidenza tal-Kunsill ta' sitt xhur tal-Istati Membri u s-sitt xhur preċedenti, u l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll li jippubblikaw informazzjoni dwar dawk il-laqgħat.

11 Fi snin reċenti, kien hemm ukoll żviluppi konsiderevoli fl-Istati Membri tal-UE firrigward tar-regolamentazzjoni tal-lobbjar. Attwalment, tmien Stati Membri (il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, il-Litwanja, l-Awstrija, il-Polonja, u s-Slovenja) għandhom sistemi ta' regitrazzjoni obbligatorji għal-lobbisti, u erbgħa (il-Belġju, l-Italja, in-Netherlands u r-Rumanija) għandhom sistemi volontarji¹⁴. Barra mill-UE, il-Kanada u l-Istati Uniti huma fost il-pajjiżi li stabbilew reġistri obbligatorji tal-lobbjar.

12 F'Diċembru 2022, ħarġu allegazzjonijiet li l-Qatar kien influenza illegalment ex Membri u Membri attwali tal-Parlament Ewropew (MPE) biex jilħaq għanijiet tal-politika barranija¹⁵ (“Qatargate”). Sussegwentement, il-Parlament adotta [għadd ta’ deċiżjonijiet](#) b’rabta mal-mod kif il-Parlament jimplimenta l-EUTR:

- f'Diċembru 2022, il-President tal-Parlament ressaq [proposta b’14-il punt](#) biex jiissikka r-regoli għall-MPE, li 2 minnhom kienu jikkonċernaw verifikasi aktar b’saħħieth fuq il-lobbisti u l-pubblikazzjoni obbligatorja tal-laqgħat;
- f’April 2023, il-korp li jistabbilixxi regoli interni għall-Parlament (il-Bureau) adotta [miżuri ġodda rigward l-ex MPE](#), li jistipulaw li dawn għandhom jistennew sa sitt xhur wara t-tmiem tal-mandat tagħhom fil-Parlament Ewropew qabel ma jinvolvu ruħhom f’attivitajiet ta’ lobbjar, u li għandhom jirreġistraw fl-EUTR qabel ma jagħmlu dan;

¹³ Id-Dikjarazzjoni politika fl-okkażjoni tal-adozzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonal dwar registry ta’ trasparenza obbligatorju.

¹⁴ Is-Servizz ta’ Riċerka tal-Parlament Ewropew, [Reġistru tat-Trasparenza: Min qiegħed jaġħmel lobbying mal-UE \(infografika\)](#), 2018, aġġornat fl-2021, u l-İlk Griegħ dwar ir-regolament tal-lobbjar 4829/2021 adottata wara.

¹⁵ Statement of the Conference of Presidents, it-13 ta’ Diċembru 2022, u [Corruption scandal: Il-MPE jixprunaw it-trasparenza u l-obbligu ta’ rendikont](#), il-15 ta’ Diċembru 2022.

- f'Mejju 2023, il-Bureau adotta "Regoli dwar l-aċċess għall-Parlament Ewropew" ġodda biex jiċċara d-drittijiet ta' aċċess tal-lobbisti, li daħlu fis-seħħħ fit-8 ta' Ġunju 2023;
- f'Ġunju 2023, il-Bureau adotta **regoli addizzjonali** dwar il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa f'avvenimenti li jsiru fil-bini tal-Parlament, li daħlu fis-seħħħ fit-12 ta' Lulju 2023;
- f'Settembru 2023, il-Parlament emenda r-**Regoli ta' Proċedura** tiegħu biex jinkludi rekwiżit ġenerali għall-MPE kollha u l-assistenti parlamentari tagħhom biex jippubblikaw laqgħat skedati relatati max-xogħol parlamentari ma' lobbisti rreġistrati fl-EUTR, li daħlu fis-seħħħ fl-1 ta' Novembru 2023¹⁶.

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2023/2095(REG), I-Emenda 13, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, I-Anness I – I-Artikolu 5a (ġdid).

Ambitu u approċċ tal-awditjar

13 L-objettiv ta' dan l-awditu kien li jivaluta jekk l-EUTR huwiex mezz utli biex tiġi pprovduta trasparenza dwar l-attivitajiet ta' lobbjar fil-livell tal-UE. Ivvalutajna jekk:

- il-FII 2021, bħala l-bażi tal-EUTR, huwiex konsistenti mal-prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment ta' trasparenza u integrità fil-lobbjar, inkluża l-eżistenza ta' karakteristiċi ta' infurzar għal-lobbisti;
- l-istituzzjonijiet firmatarji jagħmlux użu sinifikanti mir-reġistrazzjoni tal-EUTR bħala prekundizzjoni għall-attivitajiet ta' lobbjar;
- l-arranġamenti ta' ħidma tas-Segretarjat tal-EUTR iwasslux għal kwalità tajba tad-data dwar l-attivitajiet ta' lobbjar; u jekk
- is-sit web pubbliku tal-EUTR jiprovdix kontenut rilevanti u huwiex faċli għall-utent.

14 Ma vvalutajniex jekk registry ta' trasparenza setax jiġi stabbilit u operat b'modi oħra għajnej permezz ta' ftehim interistituzzjonal. Lanqas ma vvalutajna modi alternattivi għall-operat tal-EUTR, bħall-istabbiliment tiegħu fi ħdan waħda mill-istituzzjonijiet firmatarji minflok il-kondiżjoni tax-xogħol bejniethom, jew l-għotxi ta' dan il-kompliit lil korp estern indipendenti.

15 Għalkemm ma hemm l-ebda standard internazzjonal rikonoxxut formalment dwar il-lobbjar, hemm prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment dwar din il-kwistjoni. Aħna użajna l-[10 prinċipji tal-OECD għat-trasparenza u l-integrità fil-lobbjar](#) għax-xogħol tal-awditjar tagħna u kkonsultajna rappreżentanti mill-OECD. Ħadna kont ukoll tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-regolamentazzjoni legali tal-attivitajiet ta' lobbjar fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi¹⁷, li hija konformi mal-prinċipji tal-OECD.

¹⁷ Il-Kunsill tal-Ewropa, [Recommendation CM/Rec \(2017\)2](#) u l-memorandum ta' spjegazzjoni.

16 Irrieżaminajna l-pubblikazzjonijiet¹⁸ dwar dawk il-prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment u dwar prattiki tajbin fis-sistemi ta' regiestrazzjoni nazzjonal. Irrieżaminajna wkoll is-sistemi tat-12-il pajjiż b'registro jew obbligatorju jew inkella volontarju għal-lobbisti, ara l-paragrafu **11**, u rreferejna għal 4 pajjiżi li jipprovdu eżempji utli ta' prattika tajba (il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Awstrija, u l-Kanada).

17 Wettaqna x-xogħol tal-awditjar billi ffukajna fuq il-perjodu 2019-2022. Irrieżaminajna r-rapporti annwali dwar il-funzjonament tal-EUTR, il-minuti tal-Bord tat-Tmexxija u d-dokumenti dwar l-attivitajiet tas-Segretarjat. Intervistajna l-personal tas-Segretarjat, u l-personal tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Iltqajna wkoll mal-OECD u mal-Ombudsman. Ħadna inkunsiderazzjoni żviluppi rilevanti sa tmiem Settembru 2023.

18 Użajna tekniki tal-analiżi tad-*data* biex nagħmlu kontroverifika tal-popolazzjoni kollha tad-*data* tal-EUTR (total ta' 12 653 reġistrant fiż-żmien tal-estrazzjoni tad-*data* li wettaqna fil-5 ta' Ottubru 2022) bi tqabbil mal-pagamenti rreġistrati fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni (ABAC). Wettaqna ttestjar sostantiv fuq id-*data* tal-EUTR għall-kompletezza u l-preċiżjoni. Għażilna wkoll kampjun ibbażat fuq ir-riskju ta' 100 reġistrant biex nivalutaw il-kwalità tad-*data* tar-reġistranti u l-verifikasi mwettqa mis-Segretarjat, ibbażat fuq ċerti riskji bħal *data* vojta f'oqsma obbligatorji, *data* outlier ta' kontroverifiki fuq l-għadd ta' personal meta mqabbla mal-kostijiet tal-lobbjar, u diskrepanzi meta d-*data* tiġi kontroverifikata mal-ABAC. Il-kampjun tagħna kien jinkludi firxa wiesgħa ta' lobbisti rreġistrati bejn l-2008 u l-2022 biex b'hekk kien hemm probabbiltà għolja li kienu għaddew minn tal-inqas verifika tal-kwalità waħda, inkluża valutazzjoni retroattiva tal-kriterji ta' eliġibbiltà.

19 Il-FII 2021 huwa suġġett għal reviżjoni sa Lulju 2025. Għalhekk, l-awditu li wettaqna kellu l-għan li jipprovdi analiżi u rakkomandazzjonijiet f'waqthom li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għal dik ir-reviżjoni.

¹⁸ L-OECD, [Lobbying in the 21st century: Transparency, integrity and access](#), OECD Publishing, Pariji, 2021, l-OECD, Recommendation of the Council on principles for transparency and integrity in lobbying [OECD/LEGAL/0379](#); u l-Kunsill tal-Emarja, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2017).

Osservazzjonijiet

Il-ftehim interistituzzjonal tal-EUTR għandu karatteristiċi pożittivi, iżda l-miżuri ta' infurzar mhumiex biżżejjed

20 L-10 prinċipi tal-OECD¹⁹ jipprovdu direzzjonijiet u gwida lid-deċiżuri biex irawmu t-trasparenza u l-integrità fil-lobbjar f'4 oqsma ewlenin (ara wkoll it-*Tabella 1*):

- il-bini ta' qafas effettiv u ġust għall-ftuħ u l-aċċess;
- it-tisħiħ tat-trasparenza;
- it-trawwim ta' kultura ta' integrità; u
- l-għoti ta' mekkaniżmi għall-implementazzjoni effettiva, il-konformità, u r-reviżjoni tal-qafas tal-lobbjar.

21 Ivalutajna l-konsistenza tal-FII 2021 ma' dawn il-prinċipi.

Il-FII 2021 huwa ġeneralment konsistenti mal-prinċipi internazzjonali

22 Il-FII 2021 jistabbilixxi qafas u prinċipi operattivi għall-istituzzjonijiet firmatarji billi jistabbilixxi definizzjonijiet²⁰, jiddefinixxi l-attivitàajiet ta' lobbjar koperti u dawk mhux koperti mill-ftehim²¹, u jispeċifika l-istrutturi ta' governanza u ta' ḥidma²². L-EUTR huwa stabbilit b'dispożizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-applikanti, kodiċi ta' kondotta għal-lobbisti, informazzjoni spċifici li jenħtieġ li tiddaħħal fl-EUTR, u dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ, l-investigazzjonijiet u l-miżuri relatati²³. Sibna li l-FII 2021 huwa ġeneralment konsistenti mal-10 prinċipi tal-OECD, kif jidher fit-*Tabella 1*.

¹⁹ Recommendation of the Council Principles for transparency and Integrity in Lobbying OECD/LEGAL/0379.

²⁰ Il-FII 2021, l-Artikolu 2.

²¹ *Ibid.*, l-Artikoli 3 u 4.

²² *Ibid.*, l-Artikoli 7 u 8.

²³ *Ibid.*, l-Artikolu 6, l-Annessi I u III.

Tabella 1 – Valutazzjoni tal-qafas tal-FII 2021 skont il-prinċipji tal-OECD

Erba' oqsma prinċipali identifikati mill- OECD	10 prinċipji tal-OECD għat-trasparenza u l-integrità fil-lobbjar	Il-valutazzjoni li wettaqna tal-FII 2021
I. Il-bini ta' qafas effettiv u ġust għall-ftuħ u l- aċċess	1. Jenħtieġ li l-pajjiżi jipprovdu kundizzjonijiet ekwi billi jagħtu lill-partijiet ikkonċernati kollha aċċess ġust u ekwu għall-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-politiki pubbliċi.	<p>✓ Jistabbilixxi l-EUTR li permezz tiegħu l-lobbisti jista' jkollhom aċċess għall-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-politiki tal-UE.</p> <p>○ Ir-reġistrazzjoni mhix meħtieġa għall-attivitajiet ta' lobbjar kollha. Huwa f'idejn l-istituzzjonijiet li jiddeċiedu liema mill-attivitajiet koperti mill-FII 2021 jeħtieġu regiżazzjoni bħala prekundizzjoni.</p>
	2. Jenħtieġ li r-regoli u l-linji gwida dwar il-lobbjar jindirizzaw it-tħassib dwar il-governanza relatati mal-prattiki tal-lobbjar u jirrispettaw il-kunċiemi soċjopolitiċi u amministrattivi.	<p>✓ L-istituzzjonijiet firmatarji jiffurmaw il-governanza tal-EUTR permezz tal-Bord tat-Tmexxija, u dan jipprovdni mekkaniżmu għall-obbligu ta' rendikont u s-superviżjoni. L-EUTR jinkludi dispożizzjoni ta' eliġibbiltà, kodiċi ta' kondotta u proċeduri operazzjonali.</p>
	3. Jenħtieġ li r-regoli u l-linji gwida dwar il-lobbjar ikunu konsistenti mal-oqfsa ta' politika u regolatorji usa'.	<p>✓ Jistabbilixxi regoli u linji gwida dwar il-lobbjar adattati għall-finijiet tal-UE.</p>
	4. Jenħtieġ li l-pajjiżi jiddefinixxu b'mod ċar it-termini "lobbjar" u "lobbyist" meta jqisu jew jiżviluppaw regoli u linji gwida dwar il-lobbjar.	<p>✓ Jipprovdni definizzjoni ta' "lobbyist"/"rapreżentant ta' interess".</p> <p>✓ Jagħti definizzjoni tat-terminu "lobbjar" indirettament u jipprovdni lista indikattiva ta' attivitajiet ta' lobbjar.</p>
II. It-tiċhiż tat- trasparenza	5. Jenħtieġ li l-pajjiżi jipprovdु livell adegwaw ta' trasparenza biex jiġuraw li l-uffiċjali pubbliċi, iċ-ċittadini u n-neozji jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni suffiċjenti dwar l-attivitajiet ta' lobbjar.	<p>✓ Jistabbilixxi sit web li huwa aċċessibbi għall-pubbliku u li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jikkonsultaw informazzjoni dwar lobbjar.</p>
	6. Jenħtieġ li l-pajjiżi jippermettu lill-partijiet ikkonċernati – inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, in-neozji, il-media, u l-pubbliku ġenerali – jiskrutinazzaw l-attivitajiet ta' lobbjar.	<p>✓ Jistabbilixxi sit web li huwa aċċessibbi għall-pubbliku u li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jikkonsultaw informazzjoni dwar lobbjar.</p>
III. It-trawwim ta' kultura ta' integrità	7. Jenħtieġ li l-pajjiżi jrawmu kultura ta' integrità fl-organizzazzjonijiet pubbliċi u fit-teħid ta' deċiżjonijiet billi jipprovdu regoli u linji gwida ċari ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi.	<p>✓ Dan huwa indirizzat permezz tad-deċiżjonijiet individuali tal-istituzzjonijiet firmatarji, ir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE, u l-qafas etiku usa' tal-istituzzjonijiet tal-UE.</p>
	8. Jenħtieġ li l-lobbisti jikkonformaw ma' standards ta' professionaliżmu u trasparenza; huma jikkondividu r-responsabbiltà għażi-trawwim ta' kultura ta' trasparenza u integrità fil-lobbjar.	<p>✓ Jeħtieġ konferma ta' aderenza mal-kodiċi ta' kondotta tal-EUTR qabel ma l-applikanti jkunu eliġibbi għar-regiżazzjoni.</p>

Erba' oqsma prinċipali identifikati mill- OECD	10 prinċipji tal-OECD għat-trasparenza u l-integrità fil-lobbjar	Il-valutazzjoni li wettaqna tal-FII 2021
IV. Il-provvediment ta' mekkaniżmi għall-implimentazzjoni, il-konformità u r-reviżjoni effettivi	9. Jenħtieġ li l-pajjiżi jinvolvu atturi ewlenin fl-implementazzjoni ta' firxa koerenti ta' strateġiji u prattiki biex tinkiseb il-konformità.	<p>✓ Jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ iżda mingħajr obbligi speċifiċi għal-lobbisti fir-rigward tal-aktivitajiet kollha ta' lobbjar.</p> <p>○ Jeżistru miżuri biex jiġi ndirizzat in-nuqqas ta' konformità, iżda mhux sanzjonijiet.</p>
	10. Jenħtieġ li l-pajjiżi jirrevedu l-funzjonament tar-regoli u l-linji gwida tagħhom relatati mal-lobbjar fuq bażi perjodika u jagħmlu l-aġġustamentu meħtieġa fid-dawl tal-esperjenza.	<p>✓ Jeħtieġ valutazzjoni regolari tal-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda bil-ħsieb li, meta xieraq, jsiru rakkomandazzjonijiet dwar it-titħejja u t-tiġi minnha, mingħajr ma jiġi spċifikat xi tfisser "regolari".</p> <p>Jistipula li jrid ikun hemm reviżjoni tal-FII 2021 sa Lulju 2025.</p>

✓ Karatteristika/karatteristiċi pożittiva/i

○ Sanzjoni(jiet)

Sors: il-QEA, ibbażat fuq ir-Recommendation of the Council on principles for transparency and integrity in lobbying, [OECD/LEGAL/0379](#) u l-FII 2021.

23 Il-FII 2021 ma jistabbilix rekwiżiti minimi dwar kif għandu jiġi implementati fil-prattika. Huwa jħalli lok għall-istituzzjonijiet firmatarji biex jiddefinixxu l-aktivitajiet li għalihom ir-reġistrazzjoni fl-EUTR jenħtieġ li tkun prekundizzjoni u kif għandhom jiġu implementati dawn il-kundizzjonijiet. Dan wassal biex l-istituzzjonijiet firmatarji jaapplikaw il-FII 2021 b'modi differenti, pereżempju, rigward liema membri u persunal tal-istituzzjonijiet huma koperti, x'jikkostitwixxi laqgħa, u x'informazzjoni dwar il-laqgħat jenħtieġ li tiġi pubblikata. Konsegwenza t'hekk, hemm approċċi differenti kif il-lobbisti jinteraqixxu mal-istituzzjonijiet firmatarji.

Il-miżura prinċipali ta' infurzar disponibbli hija t-tnejħħija tal-lobbisti mir-registrū

24 Skont il-prinċipji tal-OECD, biex tiġi żgurata l-konformità, jenħtieġ li l-pajjiżi jfasslu jaapplikaw firxa koerenti ta' strateġiji u mekkaniżmi, inkluż monitoraġġ u infurzar b'rīorsi xierqa²⁴. Il-Kunsill tal-Ēwropa jirrakkomanda wkoll li r-regolamenti legali dwar il-lobbjar għandu jkun fihom sanzjonijiet għal nuqqas ta' konformità, li għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissaważivi²⁵

²⁴ Recommendation of the Council on Principles for Transparency and Integrity in Lobbying, [OECD/LEGAL/0379](#) il-Prinċipju 9.

²⁵ Il-Kunsill tal-Ēwropa, [Recommendation CM/Rec \(2017\)2](#), il-Prinċipju 15.

25 Il-FII 2021 mhuiwex att leġiżlattiv u għalhekk ma jistax jistabbilixxi sanzjonijiet għal-lobbyisti. Jekk il-lobbyisti fuq ir-registratu jiksru r-regoli u l-prinċipji tal-kodiċi ta' kondotta tal-[FII 2021](#), il-miżura prinċipali ta' infurzar disponibbli hija t-tneħħiha tagħhom mill-EUTR²⁶. Skont is-severità tal-ksur, is-Segretarjat jista' jipprojbixxi lil-lobbyist milli jerġa' jirreġistra għal perjodu ta' bejn 20 jum ta' xogħol u sentejn, u jista' jippubblika wkoll il-miżura meħuda fuq is-sit web tal-EUTR. Bejn l-2009 u l-2022, medja ta' 990 lobbist tneħħew mir-registratu kull sena wara verifikasi tal-kwalità jew minħabba li naqqsu milli jaġġornaw ir-reġistrazzjoni tagħhom fil-ħin. Madankollu, sitt lobbisti minn fosthom biss tneħħew b'segwitu għal ilmenti u investigazzjonijiet, u wieħed minnhom ġie pprobit milli jerġa' jirreġistra. Ġiet ippubblikata informazzjoni dwar dan il-lobbyist projbit.

26 F'sistemi oħra li huma bbażati fuq il-leġiżlazzjoni, minbarra t-tnejħija mir-reġistru rilevanti, il-multi huma l-aktar forma komuni ta' sanzjoni. F'xi wħud minn dawn is-sistemi, jistgħu jiġi applikati wkoll sanzjonijiet kriminali, ara l-Kaxxa 1. Billi l-EUTR huwa reġistru volontarju, dawn is-sanzjonijiet kriminali jew finanzjarji mhumiekk legalment possibbli.

26 II-FII 2021, it-Taqsima 8 tal-Anness III.

Kaxxa 1

Eżempji ta' miżuri ta' sanzjoni f'regħistri nazzjonali tat-trasparenza bbażati fuq atti leġiżlattivi

II-Ġermanja

Jekk ir-reġistrazzjoni (i) ma ssirx, (ii) ma ssirx b'mod korrett, (iii) ma ssirx fil-ħin, jew (iv) ma ssirx b'mod šiħi, jistgħu jiġu imposti multi sa EUR 20 000 għal ksur negliġenzi u sa EUR 50 000 għal ksur intenzjonat.

L-Irlanda

In-nuqqas ta' konformità mar-regolamenti dwar il-lobbjar huwa punibbli b'multa sa EUR 2 500 jew terminu ta' priġunerija sa sentejn.

L-Awstrija

L-aktivitajiet ta' lobbjar professionali li jmorru kontra l-att applikabbi tal-lobbjar huma punibbli b'multa sa EUR 60 000.

II-Kanada

Fil-livell federali, il-ksur tar-regolamenti tal-lobbjar huwa punibbli b'termini ta' priġunerija li jvarjaw minn sitt xħur sa sentejn.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *Lobbyregistergesetz* (l-Att dwar ir-Reġistru tal-Lobbjar); *Regulation of Lobbying Act 2015, Lobbying– und Interessenvertretungs–Transparenz–Gesetz* (Att dwar it-Trasparenza fil-Lobbjar u r-Rappreżentazzjoni tal-Interessi) u *Lobbying Act R.S.C. 1985, c. 44 (4th Supp.)*.

Mhux il-lobbjar kollu jeħtieġ reġistrazzjoni fl-EUTR, iżda l-i-stituzzjonijiet poġġew fis-seħħi xi miżuri ta' trasparenza komplementari

27 L-i-stituzzjonijiet firmatarji jimplimentaw il-FII 2021 billi jadottaw id-deċiżjonijiet ta' implementazzjoni individwali tagħhom stess dwar miżuri ta' kundizzjonalità u miżuri ta' trasparenza komplementari. Elementi mill-qafas etiku tal-i-stituzzjonijiet ukoll jagħmlu parti mill-kuntest. Ivvalutajna jekk l-implementazzjoni tal-FII 2021 mill-i-stituzzjonijiet firmatarji tkoprix l-interazzjonijiet mal-lobbisti b'mod komprensiv u tiprovdix lil-lobbisti aċċess ġust u ugħwali għall-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-UE.

Il-lobbisti jeħtiġilhom jirreġistraw fl-EUTR għal ċerti laqgħat u attivitajiet biss

28 Skont il-FII 2021, il-kundizzjonalità tfisser il-prinċipju li permezz tiegħu r-reġistrazzjoni fl-EUTR tkun prekundizzjoni meħtieġa biex il-lobbisti jkunu jistgħu jwettqu ċerti attivitajiet koperti mill-ftehim²⁷. L-istituzzjonijiet firmatarji jimplimentaw il-prinċipju tal-kundizzjonalità billi jirrikjedu li:

- ċerti membri (Kummissarji biss) u ċertu persunal tal-istituzzjonijiet jiltaqgħu biss ma' lobbisti rreġistrati fl-EUTR;
- ċerti attivitajiet (eż-attendenza għal seduti ta' smigħ, konferenzi jew gruppi ta' esperti) ikunu limitati għal lobbisti rreġistrati fl-EUTR.

29 L-istituzzjonijiet jagħmlu użu miż-żewġ kategoriji ta' hawn fuq b'modi differenti. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jużaw it-tnejn b'mod parallel. Il-Parlament japplika l-prinċipju ta' kundizzjonalità għal laqgħat ma' lobbisti li qed jipparteċipaw b'mod attiv f'avvenimenti (pereżempju, bħala kelliema jew ospitanti konġunti), iżda ma japplikahx għal laqgħat individwali mal-membri u l-persunal.

30 Jenħtieġ li l-lobbisti jkunu rreġistrati fl-EUTR qabel ċerti laqgħat. Dan l-infurzar huwa r-responsabbiltà tal-membri u tal-persunal tal-istituzzjonijiet. L-ewwel ivvalutajna l-punt sa fejn il-membri u l-persunal huma koperti mill-obbligu li jiltaqgħu biss ma' lobbisti rreġistrati. Imbagħad ivvalutajna jekk il-firxa ta' attivitajiet li huma limitati għal lobbisti rreġistrati hijex wiesgħa biżżejjed.

31 Sibna li r-rekwiżit li l-lobbisti jiġu rreġistrati qabel ma jiltaqgħu mar-rappreżentanti istituzzjoni japplika biss għal deciżjuri ta' livell għoli fil-Kunsill u fil-Kummissjoni. Għall-Kunsill, hemm rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għal-lobbisti biss għal laqgħat ma' persunal ta' livell għoli tas-Segretarjat Ġenerali tiegħu (Segretarju Ġenerali u Diretturi Ġenerali). Il-membri tal-persunal għajnej is-Segretarju Ġenerali u d-Diretturi Ġenerali huma mħegħġa jivverifikaw jekk il-lobbisti għandhomx entrata fl-EUTR qabel ma jaqblu li jiltaqgħu magħħom²⁸. Fil-Kummissjoni, ir-rekwiżit li l-lobbisti jiġu rreġistrati fl-EUTR qabel ma ssir laqgħa jiġi applikat għall-membri, il-kabinetti tagħhom u l-persunal ta' livell għoli (Segretarju Ġenerali u Diretturi Ġenerali). Fil-Parlament, ir-reġistrazzjoni fl-EUTR hija meħtieġa biex jinkiseb permess ta' aċċess u, minn Lulju 2023 il-hawn, għall-ospitar konġunt u għall-parteċipazzjoni attiva f'avvenimenti

²⁷ Il-FII 2021, I-Artikolu 2.

²⁸ Council Staff Note 35/21 section 2 (mhux disponibbli għall-pubbliku).

fil-bini tagħha. Hemm rakkmandazzjoni li l-MPE u l-assistenti tagħhom jiltaqgħu ma' lobbisti rreġistrati. Attwalment m'hemm l-ebda rekwiżit għall-persunal tal-Parlament biex jiltaqa' biss ma' lobbisti rreġistrati.

32 Dan ifisser li fl-ebda waħda mill-istituzzjonijiet firmatarji ma hija prekundizzjoni li l-lobbisti jeħtiġilhom ikunu rreġistrati fl-EUTR biex jiltaqgħu ma' persunal taħt il-livell ta' Direttur Ġenerali. Għalhekk il-laqqħat mal-biċċa l-kbira mill-persunal huma esklużi minn dan ir-rekwiżit. Għad-dettalji, ara t-**Tabella 2** hawn taħt.

Tabella 2 – Rekwiżiti għal membri u persunal li jiltaqa' ma' lobbisti rreġistrati

		Il-Parlament Ewropew	Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill	Il-Kummissjoni
Membri	MPE/ Kummissjarji	○	-	✓
Persunal li jaħdem għall-Membri	Persunal tal-Membri (kabinetti, assistenti tal-MPE)	○	-	✓
Persunal	Segretarju Ġenerali	✗	✓	✓
	Diretturi Ġenerali	✗	✓	✓
	Deputati Diretturi Ġenerali	✗	○	○
	Diretturi	✗	○	○
	Konsulenti għolja, konsulenti	✗	○	○
	Kapijiet ta' unità	✗	○	○
	Persunal ieħor	✗	○	○

✓ Il-persuna/i elenkata/i trid/iridu tiltaqa' /jiltaqgħu ma' lobbisti rreġistrati biss

✗ L-ebda rekwiżit

○ L-ebda rekwiżit, iżda rakkmandazzjoni biex jiltaqgħu biss ma' lobbisti rreġistrati

Sors: il-QEA, abbażi tal-premessa (6) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, [2014/838/UE](#), Euratom, I-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni [2018/C 65/06](#), ir-Regoli 11(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew 2023 u I-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/929.

33 Id-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi laqgħa hija rilevanti kemm għal laqgħat li ġħalihom ir-reġistrazzjoni fl-EUTR hija prekundizzjoni kif ukoll għal mżuri ta' trasparenza komplementari. Il-FII 2021 jindirizza dan billi jispeċifika x'ma għandux jitqies bħala laqgħa²⁹. Kull istituzzjoni firmatarja tapplika din id-definizzjoni fil-prattika jew permezz ta' deċiżjonijiet ta' implementazzjoni formali jew linji gwida interni informali. Ara l-Kaxxa 2.

²⁹ Il-FII 2021, I-Artikolu 4(1)(f).

Kaxxa 2

Definizzjonijiet ta' "laqgħa" individwali mill-istituzzjonijiet firmatarji

II-Parlament Ewropew

Laqgħa skedata għandha tintiehem bħala kwalunkwe laqgħa organizzata fuq l-inizjattiva ta' rappreżentant ta' grupp ta' interess, jew tal-MPE (għall-pubblikkazzjoni volontarja tal-laqgħat), tal-president, tar-rapporteur, jew tax-shadow rapporteur (għall-pubblikkazzjoni obbligatorja tal-laqgħat), li tkun għet-aċċettata mill-parti l-oħra u li għaliha jiġu stabbiliti data u ħin apposta. L-aġġettiv "skedat" jimplika li laqgħat każwali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni.

II-Kunsill

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill japplika r-rekwiżit ta' regiestrazzjoni tal-lobbisti għal kwalunkwe laqgħa organizzata bejn ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u s-Segretarju Ġenerali u d-Diretturi Ġenerali. Dan japplika kemm għal-laqgħat fiżiċi kif ukoll dawk li jsiru bl-użu ta' kwalunkwe forma ta' konnessjoni mill-bogħod, kemm jekk fil-bini tal-Kunsill kif ukoll jekk le; laqgħat ta' natura purament privata jew soċjali, jew laqgħat spontanji mhumiex koperti mir-rekwiżit ta' regiestrazzjoni.

II-Kummissjoni

Laqgħa tfisser inkontru bilaterali organizzat fuq inizjattiva ta' organizazzjoni jew individu li jaħdem għal rasu jew Membru tal-Kummissjoni u/jew membru tal-Kabinett tiegħi/tagħha jew Direttur Ġenerali sabiex jiddiskutu kwistjoni marbuta mat-teħid u l-implementazzjoni tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni. Inkontri li jseħħu fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva stabbilita mit-Trattati jew minn atti tal-Unjoni, li hija responsabbiltà diretta tal-Membru tal-Kummissjoni jew tad-Direttur Ġenerali kif ukoll inkontri ta' natura purament privata jew soċjali jew inkontri spontanji huma esklużi minn dan il-kunċett. Għall-Kummissjoni, il-vidjokonferenzi u t-tipi kollha ta' telefonati tal-konferenzi stabbiliti biex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mat-tfassil tal-politika u l-implementazzjoni mill-UE jitqiesu bħala laqgħat filwaqt li l-konverżazzjonijiet bit-telefon individwali mhumiex.

Sors: il-QEA, abbażi tad-dokumenti mill-Parlament u l-Kunsill, u l-Artikolu 2(b) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni [2014/838/UE, Euratom](#) u l-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni [2014/839/UE, Euratom](#).

34 Dan ta' hawn fuq juri li l-laqgħat skedati minn qabel biss jaqgħu b'mod ċar taħt id-definizzjonijiet ta' laqgħa tal-istituzzjonijiet firmatarji. Il-laqgħat spontanji mhumiex koperti mill-FII 2021. Interazzjonijiet oħra, bħal konverżazzjonijiet bit-telefon u skambji ta' posta elettronika mhux skedati, ukoll ma jitqisux bħala laqgħat. Dan ifisser li l-lobbjar jista' jseħħi lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tat-trasparenza pprovdut mill-EUTR għal firxa ta' interazzjonijiet li matulhom il-lobbisti jaf ifixxu li jinfluwenzaw lill-membri jew lill-persunal.

35 Billi l-membri u l-persunal tal-istituzzjonijiet firmatarji huma responsabbi għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri fil-prattika, huwa importanti li jkunu konxji tar-regoli, il-linji gwida u d-definizzjonijiet rilevanti. Skont ir-*rapparti annwali* dwar il-funzjonament tal-EUTR, l-istituzzjonijiet ħadu passi biex iqajmu kuxjenza. Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni huma saħansitra aktar importanti minħabba li hemm mekkaniżmi ta' kontroll intern limitati biex jiġi aċċertat jekk, fil-prattika, il-membri u l-persunal jeħtiġux li l-lobbisti jirreġistraw fl-EUTR qabel ma jiltaqgħu magħħom.

36 Xi arranġamenti nazzjonali ta' lobbjar, abbażi ta' atti leġiżlattivi, huma obbligatorji għal-lobbisti u jkopru firxa usa' ta' persunal milli fil-livell tal-UE. Ara eżempju ta' dan fil-*Kaxxa 3*.

Kaxxa 3

Arranġamenti ta' lobbjar fil-Ġermanja

L-att ġermaniż dwar ir-Reġistru tal-Lobbjar japplika għar-rappreżentazzjoni ta' interassi speċjali fil-Bundestag (il-Parlament ġermaniż) u l-Bundesregierung (il-Gvern federali). Ir-reġistru ilu obbligatorju għal-lobbisti mill-1 ta' Jannar 2022.

Għall-Parlament ġermaniż, il-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistru jinkludi mhux biss il-Membri tal-Parlament u l-persunal l-aktar anzjan, iżda wkoll il-persunal li jaħdem għalihom, fuq is-suppożizzjoni li l-messaġġi li għandhom l-għan li jinfluwenzaw il-formulazzjoni tal-politiki jew it-teħid ta' deċiżjonijiet se jilħquhom ukoll.

37 L-istituzzjonijiet firmatarji għall-FII 2021 jeħtieġu r-reġistrazzjoni tal-EUTR bħala prekundizzjoni għal-ċerti attivitajiet ta' lobbjar għajnej il-laqgħat. Id-deċiżjonijiet ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni li jkopru dan is-suġġett imorru lura għall-2014 u l-2018; id-deċiżjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament huma aktar reċenti. Il-Parlament jeħtieġ regiestrazzjoni għal-ġadd ta' attivitajiet. F'Ġunju 2023, il-Parlament aġġorna r-regoli tiegħi biex ikopru aktar attivitajiet fil-bini tiegħi. It-*Tabella 3* tagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet fl-istituzzjonijiet suġġetti għar-rappreżentazzjoni tal-lobbisti tal-EUTR.

Tabella 3 – Attivitajiet ta’ lobbjar li jeħtieġu reġistrazzjoni minn qabel fl-EUTR


Il-Parlament	Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill	Il-Kummissjoni
<ul style="list-style-type: none"> ✓ Intergruppi u gruppi mhux uffiċjali oħra ✓ Kelliema fis-seduti ta’ smigħ tal-kumitat ✓ Il-ksib ta’ badges ta’ aċċess għal żmien twil 		<ul style="list-style-type: none"> ✓ Parteċipazzjoni minn ċerti kategoriji ta’ individwi u organizazzjonijiet fi gruppi ta’ esperti tal-Kummissjoni: <ul style="list-style-type: none"> — individwi (it-tip B) — organizazzjonijiet (it-tip C)
<ul style="list-style-type: none"> ✓ Ospitar konġunt u/jew parteċipazzjoni bħala mistednin attivi fi kwalunkwe avvenimenti organizzat mill-Parlament fil-bini tiegħu (mit-12 ta’ Lulju 2023 il-hawn) 	<ul style="list-style-type: none"> ✓ Briefings tematiċi u bħala kelliema f'avvenimenti pubbliċi organizzati mis-Segretarjat Ġenerali I 	

Sors: il-QEA, abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)3301 dwar regoli orizzontali fuq gruppi esperti, ir-Regoli ta’ Proċedura tal-2019 tal-Parlament Ewropew, ir-Regoli 35 u 35(a) tar-Regoli ta’ Proċedura tal-2023 aġġornati tal-Parlament Ewropew, id-deċiżjoni tal-Bureau of tat-12 ta’ Ġunju 2023, u l-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (EU) 2021/929.

38 Matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna, sibna li NGO waħda, li ġiet identifikata fl”Qatargate”, ma kinitx irreġistrata fl-EUTR, iżda kienet ospitat b’mod konġunt konferenza mas-servizzi tal-Parlament fil-bini tal-Parlament f’Ġunju 2022. Dak iż-żmien, ir-regoli tal-Parlament ma kinux jirrik jedu r-reġistrazzjoni fl-EUTR bħala prekundizzjoni għal attivitā bħal din. Madankollu, dan ġie indirizzat bl-aġġornament tar-regoli tal-Parlament li daħlu fis-seħħi f’Lulju 2023.

39 Il-Kummissjoni teħtieġ ir-reġistrazzjoni fl-EUTR bħala prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni biss minn ċerti tipi ta’ individwi u organizazzjonijiet fil-gruppi ta’ esperti tal-Kummissjoni. Madankollu, ir-reġistrazzjoni fl-EUTR mhijiex meħtieġa mill-Kummissjoni għal kwalunkwe attivitā oħra ta’ lobbjar deskritta fl-Artikolu 3 tal-FII 2021. Dan jimplika li l-lobbisti jistgħu jkunu involuti f’attivitajiet bħall-organizzazzjoni jew il-parteċipazzjoni f’konferenzi, avvenimenti, seduti ta’ smigħ, jew kampanji ta’ komunikazzjoni mal-Kummissjoni mingħajr ma jkunu rreġistrati fl-EUTR. Il-Figura 4 tiġibor fil-qosor il-kamp ta’ applikazzjoni tal-implementazzjoni tal-prinċipju tal-kundizzjonalità tal-FII 2021 fil-prattika.

Figura 4 – Sommarju tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-kundizzjonalit  tal-FII 2021 fil-prattika¹



¹ Id-daqsijiet tat-taqsimiet huma għal skopijiet ta’ informazzjoni biss u ma jirrappreżentawx il-proporzjonijiet reali jew il-kobor relativi.

Sors: il-QEA

40 Il-kamp ta’ applikazzjoni limitat tar-rekwiżiti ta’ regiſtrazzjoni fl-EUTR fil-prattika, u l-aproċċi differenti fit-tliet istituzzjonijiet, ifissru li l-lobbisti li mhumiex irregiſtrati fl-EUTR ma jinżammux milli jwettqu firxa ta’ laqgħat u attivitajiet oħra ta’ lobbjar ma’ membri jew personal tal-istituzzjoni.

L-istituzzjonijiet qed jieħdu passi komplementari biex iżidu t-trasparenza u jinkoraġġixxu r-regiſtrazzjoni

41 Il-FII 2021 jiddikjara li kull istituzzjoni firmatarja tista’ tistabbilixxi miżuri ta’ trasparenza komplementari flimkien mal-miżuri ta’ kundizzjonalit  tagħhom “biex tinkoraġġixxi r-regiſtrazzjoni u ssaħħaħ il-qafas konġunt”.

42 Ivalutajna l-firxa ta' miżuri ta' trasparenza komplementari implementati mill-istituzzjonijiet f'żewġ oqsma prinċipali:

- il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat u attivitajiet ta' lobbjar li jinvolvu membri u persunal wara li jkunu saru; u
- miżuri li jipprovdu incenċivi għal-lobbisti biex jirreġistraw fl-EUTR.

Pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat u attivitajiet ta' lobbjar oħra

43 Għal kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet firmatarji, identifikajna r-regoli u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-laqgħat u attivitajiet oħra, u vvalutajna l-kopertura u l-implementazzjoni tagħhom. Fiż-żmien tal-awditu li wettaqna, il-presidenti tal-kumitat, ir-rapporteurs u x-shadow rapporteurs fil-Parlament kienu meħtieġa jippubblikaw informazzjoni online dwar il-laqgħat skedati kollha mal-lobbisti sa mhux aktar tard minn qabel il-votazzjonijiet rilevanti fil-kumitat u fil-plenarja³⁰. Bi-aġġornament mill-Parlament tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tat-13 ta' Settembru 2023, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2023, huwa rekwiżit għall-MPE kollha u l-assistenti parlamentari tagħhom li jippubblikaw informazzjoni dwar il-laqgħat kollha skedati mal-lobbisti li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-EUTR³¹.

44 L-informazzjoni dwar dawn il-laqgħat mhixiex inkluża fuq is-sit web tal-EUTR. Minflok, hija nkluża f'għadd kbir ta' paġni online individwali tal-MPE, disponibbli fuq is-sit web tal-Parlament. Il-laqgħat marbuta ma' proċeduri parlamentari speċifiċi huma elenkti wkoll fl-entrata għal dik il-proċedura dwar l-Osservatorju Leġiżlattiv, taħt "Trasparenza". Informazzjoni dwar il-parċeċċazzjoni tal-lobbisti f'attivitajiet bħal intergruppi, seduti ta' smiġħ tal-kumitat, jew avvenimenti organizzati mill-Parlament fil-bini tiegħu wkoll ma tiġix ippubblikata fuq is-sit web tal-EUTR.

³⁰ Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew tal-2019.

³¹ Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2023/2095(REG), I-Emenda 13, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, I-Anness I – I-Artikolu 5a (ġdid).

45 Fil-Kunsill, ma hemm l-ebda rekwiżit, inkluż għal persunal ta' livell għoli, biex tiġi ppubblikata informazzjoni dwar laqgħat ma' lobbisti. Madankollu, wara l-impenn tal-Istati Membri li jagħmlu l-laqgħat bejn ir-rappreżentanti permanenti tagħhom u d-deputati rappreżentanti permanenti għall-UE u l-lobbisti kundizzjonali fuq ir-reġistrazzjoni fl-EUTR (ara l-paragrafu [10](#)), tiġi ppubblikata informazzjoni dwar dawn il-laqgħat.

46 Fil-Kummissjoni, il-Kummissarji u d-Diretturi Ġenerali kollha (inkluż is-Segretarju Ġenerali) jeħtiġilhom jippubblikaw, fuq il-paġni web rispettivi tagħhom, il-kuntatti u l-laqgħat kollha li jsiru fil-kapaċità tagħhom ma' organizzazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom³². Dan huwa segwit fil-prattika, u l-informazzjoni pprovdu fuq il-paġni web tal-Kummissjoni tidher fuq is-sit web tal-EUTR. Fejn lobbist jipparteċipa fi gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u konsultazzjonijiet pubbliċi, din l-informazzjoni tiġi ppubblikata wkoll fuq is-sit web tal-EUTR.

Miżuri li jinkoraġġixxu r-reġistrazzjoni

47 Tnejn mit-tliet istituzzjonijiet firmatarji jimplimentaw miżuri ta' trasparenza komplementari utli biex iħeġġu lil-lobbisti jirreġistraw fl-EUTR billi jipprovdu, malli tkun disponibbli, informazzjoni lir-reġistranti dwar l-iżviluppi fl-oqsma tas-suġġetti li fihom ikunu esprimew interess. Dan isir permezz ta' notifikasi bl-email.

48 Il-Parlament jinnotifika lir-reġistranti dwar l-attivitàajiet tal-kumitat tal-Parlament³³. Il-Kummissjoni tìnnotifika lir-reġistranti dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-pjanijiet direzzjonali tagħha³⁴. Il-Kunsill bħalissa ma għandux miżuri bħal dawn.

³² Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni [2014/838/UE](#), Euratom, [2014/839/UE](#), Euratom u [2018/C 65/06](#).

³³ Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-4 ta' Lulju 2016.

³⁴ Chapter VII Guidelines on Stakeholder Consultation, Better Regulation Guidelines of the European Commission ([SWD \(2017\)350](#)).

L-arranġamenti ta' ħidma tas-Segretarjat tal-EUTR jiltaqgħu ma' sfidi ta' koordinazzjoni u kwalità tad-data

49 Il-FII 2021 ifformalizza struttura ta' governanza fuq żewġ livelli b'Segretarjat li jirrapporta lil Bord tat-Tmexxija³⁵, ara l-paragrafu 06. Il-Bord jissorvelja l-implementazzjoni ġenerali tal-FII u jiltaqa' mill-inqas kull sena. Huwa jiddetermina l-prioritajiet annwali u l-estimi tal-baġit, jadotta rapporti annwali mħejjija mis-Segretarjat u jagħti struzzjonijiet lis-Segretarjat dwar attivitajiet speċifiċi.

50 Il-FII 2021 stabbilixxa s-Segretarjat bħala struttura operattiva konġunta stabbilita għall-ġestjoni tal-funzjonament tar-reġistru. Huwa speċifika li s-Segretarjat ikun magħmul mill-kapijiet ta' unità, jew ekwivalenti, responsabbi għall-kwistjonijiet ta' trasparenza f'kull istituzzjoni firmatarja, u l-persuna rispettiv tagħhom³⁶. Id-dmirijiet tiegħi jinkludu li: joħroġ linji gwida għar-reġistrazzjoni fl-EUTR, jipprovi appoġġ ta' helpdesk, u jwettaq attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet oħra ta' komunikazzjoni³⁷. Is-Segretarjat jabbozza r-rapport annwali għall-adozzjoni mill-Bord. Huwa responsabbi għall-ġestjoni ta' kuljum tal-EUTR, inklużi l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sit web tal-EUTR. Ivalutajna jekk l-arranġamenti ta' ħidma tas-Segretarjat tal-EUTR humiex adatti għar-responsabbiltajiet tiegħi biex jikseb livell ottimali ta' kwalità tad-data fl-EUTR dwar l-attivitajiet ta' lobbjar.

Bħala struttura operattiva konġunta, is-Segretarjat jeħtieġ koordinazzjoni sinifikanti

51 Permezz tal-FII 2021, l-istituzzjonijiet firmatarji impenjaw ruħhom li jorganizzaw is-Segretarjat bħala struttura operattiva konġunta. Kap ta' unità minn istituzzjoni firmatarja huwa maħtur bħala “Koordinatur” għal terminu li jista’ jiġġedded ta’ sena³⁸, u d-deċiżjonijiet tas-Segretarjat isiru b’kunsens fost it-tliet kapijiet ta’ unità.

52 Filwaqt li l-kompieti tas-Segretarjat huma stabbiliti fil-FII, l-istituzzjonijiet ma’fformalizzawx bejniethom kif jorganizzaw ix-xogħol ta’ kuljum tas-Segretarjat. Ma hemm l-ebda tim iddedikat assenjat lis-Segretarjat, u lanqas regoli ta’ proċedura stabbiliti li jistabbilixxu kif it-tliet istituzzjonijiet se jaħdmu flimkien.

³⁵ L-ewwel laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija fl-24 ta’ Settembru 2021.

³⁶ Il-FII 2021, l-Artikolu 8(1).

³⁷ *Ibid.*, l-Artikolu 8(3).

³⁸ *Ibid.*, l-Artikolu 8(2).

53 Il-kompeti tas-Segretarjat jiġu distribwiti fit-tliet istituzzjonijiet, u jittieħdu inkunsiderazzjoni għadd ta' kriterji, bħall-kontenut tal-kompeti u r-rilevanza għall-istituzzjoni. It-tliet istituzzjonijiet qablu li jaqsmu t-trattament ta' applikazzjonijiet ġodda fuq bażi ta' rotazzjoni (6 ijiem għall-Kunsill, 11-12-il jum għall-Parlament, 11-12-il jum għall-Kummissjoni). Għal kompeti oħra, bħal verifikasi kontinwi fuq il-kwalità tad-data tal-EUTR u l-ipproċċassar tal-ilmenti, id-distribuzzjoni tax-xogħol tiddependi wkoll fuq id-disponibbiltà tal-persunal fit-tliet istituzzjonijiet. Il-Kummissjoni tospita s-sit web-tal-EUTR u tiprovd appoġġ tal-IT.

54 Għall-2022³⁹, is-Segretarjat stma li l-ekwivalenti ta' 10 membri tal-persunal full-time kienu ħadmu fuq il-kompeti tiegħu. Din ir-riżorsa tal-persunal kienet tinkludi parti mill-ħin tax-xogħol tat-tliet kapijiet ta' unità fit-tliet istituzzjonijiet flimkien ma' dak tal-persunal mill-unitajiet tagħhom.

55 Il-fatt li dawn l-arrangġamenti mhumiex formalizzati jfisser li huma meħtieġa mekkaniżmi ta' koordinament. Pereżempju, billi ma hemm l-ebda delega ta' setgħat mill-kapijiet ta' unità lit-timijiet, id-deċiżjonijiet kollha jeħtieġ li jittieħdu b'mod konġunt mit-tliet kapijiet ta' unità kollha mit-tliet istituzzjonijiet. Huma Itaqgħu bħala medja darba fix-xahar biex jiddiskut u jaqblu dwar kwistjonijiet li jirriżultaw mill-ġestjoni tagħħom ta' kuljum (ilmenti individuali, distribuzzjoni ta' verifikasi tal-kwalità tad-data, eċċ.). Bejn il-laqgħat, il-kapijiet ta' unità jistgħu jieħdu deċiżjonijiet b'mod konġunt permezz ta' proċedura bil-miktub.

56 Biex jiissodisa r-rekwiżiti tal-FII 2021, is-Segretarjat ippubblika formola ta'reġistrazzjoni ġdida u linji gwida għall-applikanti u r-reġistranti. L-applikazzjonijiet kollha fl-EUTR issa jiġu vverifikati skont il-kriterji ta' eliġibbiltà. Il-lobbisti kollha digħi r-reġistrati kienu meħtieġa jaġġornaw l-informazzjoni tagħħom billi jużaw il-formola l-ġdida sat-30 ta' April 2022. Il-biċċa l-kbira minn dawn ir-reġistranti (11 200 jew 87 %) kienu għamlu dan sa dik id-data. Il-verifika ta' dawn ir-reġistrazzjonijiet emendati kollha hija parti mill-kompeti tas-Segretarjat. Dan wassal għal żieda fl-attività tas-Segretarjat fl-2022, b'mod partikolari fir-rigward tal-mistoqsijiet tal-helpdesk, ara t-

Tabella 4.

³⁹ L-EUTR, ir-Rapport Annwali 2022.

Tabella 4 – Għadd ta’ mistoqsijiet tal-helpdesk tas-Segretarjat, 2019-2022

	2019	2020	2021	2022
Mistoqsijiet tal-helpdesk	1 027	1 117	1 255	2 056

Sors: il-QEA, ibbaż fuq ir-rapporti annwali 2019-2022 tal-EUTR.

57 Qabel il-FII 2021, il-korrispondenza mar-reġistranti kienet tiġi ttrattata permezz ta’ indirizzi elettroniċi funzjonalı separati fil-Parlament u fil-Kummissjoni. Mill-FII 2021 'il hawn, il-korrispondenza mal-applikanti ġiet ittrattata permezz tas-sistema tal-IT tal-back office tas-Segretarjat (TR-ADMIN), filwaqt li l-korrispondenza mar-reġistranti għadha qed tiġi ttrattata permezz tal-indirizzi elettroniċi funzjonalı separati.

58 Minħabba ż-żieda fl-ammont ta’ xogħol meħtieġ biex jinżamm ir-reġistru u l-arranġamenti ta’ ħidma mhux formalizzati tas-Segretarjat, huwa meħtieġ ammont konsiderevoli ta’ koordinazzjoni biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi kondiviża kif xieraq bejn it-timijiet fl-iċċituzzjonijiet differenti. Dan iżid ir-riskju għall-ineffiċjenza operazzjonali.

Il-kwalità tad-data mhix ottimali, iżda l-verifikasi tas-Segretarjat reċentement tjiebu

59 Il-Kunsill tal-Europa josserva li f’sistemi li jirrikjedu li l-lobbisti jirreġistrav, il-lobbisti nfushom jeħtiġilhom jiżguraw li l-informazzjoni tagħhom tkun preċiża u aġġornata. Għalhekk huwa jirrakkomanda li awtorità pubblika inkarigata mir-reġistru tkun tista’ tivverifika l-informazzjoni għall-preċiżjoni⁴⁰.

60 Il-kodiċi ta’ kondotta tal-FII 2021 jirrikjedi li r-reġistranti “jiżguraw li l-informazzjoni li jipprovd mar-reġistrazzjoni (...) tkun kompluta, aġġornata, preċiża u ma tqarraqx”⁴¹. Is-Segretarjat huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-kontenut tal-EUTR, bl-għan li jinkiseb livell ottimali ta’ kwalità tad-data.

⁴⁰ Il-Kunsill tal-Europa, [Recommendation CM/Rec \(2017\)2](#) u l-memorandum ta' spjegazzjoni, il-Prinċipju 8.

⁴¹ Il-FII 2021, I-Anness I(f).

61 Is-Segretarjat stabbilixxa sistema tal-IT iddedikata, imsejħa TR-ADMIN, biex tiffaċilita l-proċessi prinċipali kollha tal-EUTR, jiġifieri l-applikazzjonijiet, il-verifikasi tal-kwalità, it-trattament tal-ilmenti u l-bażi ta' *data* għas-sit web tal-EUTR. Is-sistema ġiet aġġornata perjodikament minn meta ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-2011, u aġġornament ieħor huwa ppjanat għall-2024.

62 Il-lobbisti jeħtiġilhom japplikaw online permezz tas-sit web tal-EUTR biex jingħaqdu mal-EUTR, u s-Segretarjat jiprovvdi [linji gwida dettaljati għall-applikanti u r-reġistranti](#). L-applikanti jeħtiġilhom jiprovvdu informazzjoni f'għadd ta' kategoriji, ara l-**Kaxxa 4**.

Kaxxa 4

Informazzjoni li l-lobbisti jeħtiġilhom jiprovvdu meta japplikaw għar-reġistrazzjoni tal-EUTR

- isem u dettalji ta' kuntatt;
- tip ta' organizzazzjoni;
- missjoni, objettivi u mandat ġenerali;
- attivitajiet spċifici koperti mill-EUTR (eż. proposti leġiżlattivi jew politiki prinċipali tal-UE mmirati, parteċipazzjoni fl-istrutturi u l-pjattaformi tal-UE);
- għadd ta' persuni involuti fl-attivitajiet;
- oqsma ta' interess, sħubiji, u affiljazzjoni;
- *data* finanzjarja (eż. għotjiet tal-UE).

L-informazzjoni meħtieġa ġiet estiża mill-FII 2021'il hawn biex tinkludi:

- interassi rappreżentati;
- divulgazzjoni finanzjarja skont il-kategorija magħżuла tal-interassi rappreżentati.

Sors: il-Linji gwida tar-reġistru tat-trasparenza għall-applikanti u r-reġistranti, 2021.

63 Mil-linji gwida tal-2018 'il hawn, ir-reġistranti huma meħtieġa jaġġornaw l-informazzjoni tagħhom kull sena. Is-sistema tal-IT TR-ADMIN tibgħat il-ħalli tfakkiriet awtomatiċi bl-email meta jkun wasal iż-żmien għall-aġġornament annwali obbligatorju. Ir-reġistranti li ma jwettqux l-aġġornament l-ewwel jiġu sospiżi u mbagħad, jekk ikun meħtieġ, jitneħħew mir-reġistru, ara l-*Figura 5*.

Figura 5 – Funzjonijiet ta’ tfakkir, sospensjoni u tneħħija tas-sistema ta’ ġestjoni tal-IT tal-EUTR



Is-sistema tibgħat tliet **tfakkiriet awtomatiċi bil-posta elettronika** sitt xhur, erba' ġimħat u ġimxha qabel id-data ta’ skadenza għall-aġġornament annwali obbligorju. Ir-reġistranti li ma jwettqux l-aġġornament jiġu **sospiżi wara l-aħħar tfakkira**. Jekk wara s-sospensjoni mbagħad ma jieħdu l-ebda azzjoni, **jitneħħew** mir-reġistru.



Sors: il-QEA, ibbażat fuq dokumenti tas-Segretarjat.

64 Qabel il-*FII 2021*, il-lobbisti kienu inklużi fl-EUTR malli ppreżentaw l-applikazzjoni tagħhom, u kienu immedjata ħażżeen viżibbli fuq is-sit web tal-EUTR. Fi-ż-żmien tal-applikazzjoni, is-Segretarjat ma stabbiliex l-eliġibbiltà tagħhom. Il-*FII 2021* saħħaħ din is-sistema billi talab li l-eliġibbiltà tal-applikanti tiġi stabbilita mis-Segretarjat qabel ma jkunu jistgħu jiġi inklużi fl-EUTR. Fuq bażi kontinwa, is-Segretarjat jivverifika wkoll id-data kollha ta’ subsett ta’ lobbisti li digħi huma rreġistra. It-*Tabella 5* tiddeskrivi l-verifikasi tal-kwalità tad-data mwettqa qabel u mill-*FII 2021* 'il hawn.


Tabella 5 – Verifikasi tal-kwalità tad-data tas-Segretarjat maż-żmien

	Qabel il-FII 2021	Mill-FII 2021 'il hawn
Verifikasi limitati fiż-żmien tal-applikazzjoni (“verifikasi tal-eligiabilità”)	Xejn	<p>Is-Segretarjat iqis li l-applikanti huma eliġibbli jekk:</p> <ul style="list-style-type: none"> ○ ma jaqgħux taħt l-eċċeżżjonijiet tal-FII 2021; ○ huma reali u verifikabbli; ○ għandhom attivitajiet rilevanti; ○ iddikjaraw li josservaw il-kodiċi ta' kondotta (ġdid fil-FII 2021). <p>Jekk, matul verifika tal-eligiabilità, id-data sprezentata dwar dawn l-erba' punti titqies bħala mhux sodisfaċenti allura d-data l-oħra kollha tal-applikant tiġi vverifikata wkoll.</p>
Verifikasi li jkopru d-data kollha tar-reġistrant (“verifikasi tal-kwalità”) kif jidher fil-Kaxxa 4	Kull sena, is-Segretarjat iwettaq:	<ul style="list-style-type: none"> ○ verifikasi mmirati bbażati fuq kriterji miftiehma fi ħdan is-Segretarjat u prioritatiet annwali determinati mill-Bord; ○ verifikasi fuq bażi <i>ad hoc</i>; jew ○ verifikasi wara lment.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq l-Artikoli 3-4, l-Artikolu 6(2), u l-Anness I tal-FII 2021, il-Manwal tas-Segretarjat, Ares (2019)6763329, u l-proċeduri ta' trattament intern tas-Segretarjat, mingħajr data.

65 Bejn l-2019 u l-2022, il-verifikasi tal-kwalità tad-data tas-Segretarjat kienu jkopru, bħala medja, 34 % tar-reġistranti kull sena. Jekk, matul verifika, is-Segretarjat kien jidentifika li d-data tal-lobbisti ma kinitx sodisfaċenti, huma kien jingħataw l-opportunità li jaġġornawha. Għall-perjodu 2019-2021, dawn il-verifikasi wasslu għat-tneħħija ta', bħala medja, 24 % tar-reġistranti vverifikati, minħabba li jew tqiesu ineligiġibbli, jew inkella kienu naqsu milli jaġġornaw id-data tagħhom. Fl-2022, wara d-dħul fis-seħħi tal-FII 2021 u wara li kienu ġew introdotti verifikasi sistematiċi ġodda ta' applikanti ġodda, din iċ-ċifra naqset għal 14 %, ara l-*Figura 6*.

Figura 6 – Għadd ta' registratori vverifikati kull sena, 2019-2022



Sors: il-QEA, ibbaż fuq ir-Rapporti Annwali 2019-2022 tal-EUTR.

66 Minflok ma r-registratori kollha ġew ivverifikati fuq bażi ta' rotazzjoni biex tiġi żgurata l-kopertura tar-registratori kollha kull ftit snin jew isiru verifikasi bbażati fuq ir-riskju, il-verifikasi tas-Segretarjat kienu bbażati fuq l-ilmenti riċevuti, u saru fuq bażi *ad hoc*, skont ir-riżorsi tal-personal disponibbli. Il-verifikasi mmirati saru abbażi tal-prioritajiet annwali stabbiliti mill-Bord. Meta jiddeċiedi liema *data* tar-registratori għandu jivverifika, is-Segretarjat ma użax b'mod sistematiku l-karatteristika tas-sistema tal-IT TR-ADMIN li tidentifika r-registratori li jkollhom *data* inkonsistenti, ara l-*Figura 7*.

Figura 7 – Karatteristiċi awtomatizzati ta' twissija u ta' punteġġ tar-riskju ta' TR-ADMIN



Il-karatteristika ta' twissija awtomatikament **tissenjal problemi potenzjali** bid-data tar-registratori abbażi ta' regoli predefiniti (eż. informazzjoni nieqsa jew inkonsistenti dwar il-klijenti, il-qagħda finanzjarja, ir-riżorsi, eċċ.). Il-problemi huma viżibbli bħala tabs ta' twissija kemm għas-segretarjat kif ukoll għar-reġistrant.



Is-sistema **tassenja lir-registratori punteggħi tar-riskju** bbażat fuq l-għadd u l-gravità tal-problemi bid-data tagħhom, skont regoli predefiniti mis-segretarjat. Is-Segretarjat jista' joħroġ "lista ħamra" ta' registratori bl-ogħla punteggji ta' riskju u jipproritizzahom għal verifika tal-kwalitā.

Sors: il-QEA.

67 Aħna wettaqna x-xogħol li ġej biex nivvalutaw il-kwalità tad-data tal-EUTR:

- Analizzajna l-affidabbiltà u l-koerenza tal-popolazzjoni kollha tal-EUTR ta' 12 653 lobbist fil-5 ta' Ottubru 2022. L-analiżi li wettaqna ffukat fuq ir-riskji li ġejjin: reġistrazzjonijiet duplikati, informazzjoni obbligatorja nieqsa, għotjet tal-UE ddikjarati mir-reġistranti inkonsistenti mal-informazzjoni finanzjarja fl-ABAC, informazzjoni mhux preċiża ddikjarata mir-reġistranti dwar l-ammonti minfuqa fuq il-lobbjar permezz ta' intermedjarji, u dikjarazzjoni mhux preċiża tal-interessi rrappreżentati.
- Slitna kampjun ibbażat fuq ir-riskju ta' 100 reġistrant li fuqhom wettaqna verifikasi aktar immirati. Minn dawn, 88 ġew ir-reġistrati qabel id-dħul fis-seħħħ tal-FII 2021u 12 wara. Ivverifikajna d-dikjarazzjoni dwar ir-riżorsi umani tal-lobbisti u l-punt sa fejn din kienet konsistenti mal-baġit għal-lobbjar iddikjarat tagħhom. Kull meta s-Segretarjat kien wettaq verifikasi qabel it-12 ta' Jannar 2023 (li koprew 97 mill-100 fil-kampjun tagħna), ivvalutajna l-verifikasi li kien għamel u d-dokumentazzjoni tagħhom. Għall-kampjun kollu ta' 100 reġistrant, ivverifikajna l-konformità mar-rekwiżiti kollha tar-reġistrazzjoni.

Problemi identifikati bil-kwalità tad-data u r-rendikont tal-entrati

68 Fl-ittestjar li wettaqna li kopra l-popolazzjoni kollha tal-EUTR, identifikajna l-kwistjonijiet li ġejjin, li jindikaw problemi bil-kwalità tad-data.

- Il-linji gwida tal-EUTR għall-applikanti u r-reġistranti (l-1 ta' Settembru 2021) jiddikjaraw li hemm fis-seħħi prinċipju ta' reġistrazzjoni uniku. Madankollu, sibna ħames każijiet fejn lobbist uniku kellu aktar minn entrata duplikata waħda fir-reġistru, li s-Segretarjat sussegwentement ikkoreġa.
- Informazzjoni obbligatorja nieqsa: sibna 27 każ fejn informazzjoni dwar il-kostijiet annwali tal-attivitajiet ta' lobbjar kienet nieqsa u 25 każ fejn ma kien hemm l-ebda informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-interessi, għalkemm din kienet saret obbligatorja mal-FII 2021. Il-lobbisti kollha rreġistrati qabel il-FII 2021 kienu meħtieġa jippreżentaw informazzjoni li tkopri r-rekwiżiti l-ġodda ta' divulgazzjoni tiegħi sat-30 ta' April 2022⁴².

⁴² Ir-Rapport Annwali 2022 tal-EUTR.

- Id-data dwar l-għotjet mill-UE ddikjarati mil-lobbisti fl-EUTR kienet inkonsistenti mad-data miżmura fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni: għall-aħħar sena finanzjarja magħluqa (2021), stajna nqabblu 135 każ. Id-data kienet taqbel biss f'sitt każijiet.
- Il-lobbisti li kienu qed jaġixxu bħala intermedjarji mhux dejjem ipprovdew l-informazzjoni speċifika meħtieġa dwar l-identità tal-klijenti tagħhom u l-ammonti li rċewew mingħandhom: minn 661 intermedjarju fl-EUTR, 20 ma pprovdewx informazzjoni skont il-linji gwida għall-aktar sena finanzjarja reċenti magħluqa u 27 għas-sena finanzjarja attwali. Sibna wkoll li 16-il intermedjarju li kienu ġew stabbiliti aktar minn tliet qabel ir-registrattori ddikjaraw lilhom infushom bħala “entità għadha tinħoloq”, u b'hekk ma ddikjarawx iċ-ċifri tagħhom għall-aktar sena finanzjarja reċenti magħluqa meta rregistrarw.


69 Skont il-prinċipji tal-OECD, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni jsaħħu t-trasparenza billi jidtentifikaw dawk il-partijiet li għandhom interess dirett fl-eżitu tal-aktivitajiet ta’ lobbjar u l-baġit influwenti tagħhom⁴³. Skont il-FII 2014, ir-reġistranti kollha kellhom jipprovdū stima tal-kostijiet annwali tagħhom tal-lobbjar. Mill-FII 2021, kategoriji differenti ta’ rappreżentanza tal-interessi wasslu għal tipi differenti ta’ divulgazzjonijiet finanzjarji, għad-dettalji ara l-Anness II. Is-Segretarjat ipprovda xi spjegazzjoni u gwida prattika lil-lobbisti dwar liema kategoriji jenħtieġ li jagħżlu għall-awtodikjarazzjonijiet tagħhom, u ta xi eżempji. Madankollu, il-lobbisti jistgħu jagħżlu kwalunkwe kategorija irrispettivament mill-forma legali tagħhom. L-Anness III jippreżenta l-kumplessità tar-rekwiżiti differenti ta’ divulgazzjoni finanzjarja għal kull tip ta’ reġistranti.

70 Permezz tal-analiżi li wettaqna tal-popolazzjoni tal-EUTR, sibna li kien hemm riskju li r-reġistranti ffinanzjati minn partijiet terzi (eż. NGOs), jistgħu jevitaw li jiddivulgaw informazzjoni finanzjarja dwar dan billi jiddikjaraw li jirrappreżentaw biss l-interessi tagħhom stess jew l-interessi kollettivi tal-membri tagħhom. Madwar terz ta’ dawk li ddikjaraw lilhom infushom “NGOs, pjattaformi, networks u simili” (1 207 minn 3 529) għamlu tali dikjarazzjonijiet li kienu jirrappreżentaw l-interessi tagħhom stess jew l-interessi kollettivi tal-membri tagħhom, u għalhekk ma ddivulgawx l-appoġġ finanzjarju u l-finanzjament riċevut, ara l-Figura 8. Għar-reġistranti li rregistrarw qabel il-FII 2021, ma sibniex evidenza li s-Segretarjat ivverifika sistematikament l-awtodikjarazzjonijiet ta’ NGOs dwar l-interessi li jirrappreżentaw, li

⁴³ Recommendation of the Council on Principles for Transparency and Integrity in Lobbying, OECD/LEGAL/0379, il-Prinċipju 5.

jiddetermina l-informazzjoni finanzjarja li jiddivulgaw. Il-FII 2021 jeħtieġ li l-awtodikjarazzjonijiet kollha ġodda jiġu vverifikati.

Figure 8 – Dikjarazzjonijiet tal-NGOs dwar is-sorsi ta' finanzjament tagħhom



71 Hemm rendikont tal-entrati dgħajjef għall-verifikasi tas-Segretarjat u d-data hija affettwata minn problemi ta' kwalità. Fl-analiżi li wettaqna ta' kampjun ibbażat fuq ir-riskju ta' 100 reġistrant, identifikajna l-problemi li ġejjin bil-kwalità tal-verifikasi mwettqa mis-Segretarjat.

- **Dgħufijiet fir-rendikont tal-entrati.** Għalkemm is-Segretarjat jirregista meta jkunu saru l-verifikasi, id-dettalji jiġu rreġistrati biss jekk jinstabu problemi. Mis-97 verifika tas-Segretarjat eżaminati, 49 kienu jinkludu dettalji dwar il-verifikasi li saru.
- **Problemi ta' kwalità tad-data.** Fi tlieta mill-verifikasi tas-Segretarjat, identifikajna problemi bil-kwalità tad-data tar-reġistranti, jiġifieri nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra dwar il-klijenti, dettall insuffiċjenti dwar id-deskrizzjoni tal-interessi, u inkonsistenza bejn il-baġit tal-lobbjar u riżorsi umani.

Is-sit web tal-EUTR għandu limitazzjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-kompletezza u l-faċilità għall-utent

72 Il-prinċipju 5 tal-OECD jiddikjara li d-divulgazzjoni ta' attivitajiet ta' lobbjar jenħtieġ li tippordi informazzjoni suffiċjenti u pertinenti dwar aspetti ewlenin tal-attivitajiet ta' lobbjar biex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku. Skont il-FII 2021 (il-premessa 5), It-trasparenza li tikkonċerna r-rappreżentanza ta' gruppi ta' interess hija importanti biex tippermetti liċ-ċittadini jsegwu l-attivitajiet u jkunu konxji mill-influwenza potenzjali tal-lobbisti. Sit web aġġornat u li jiffunzjona tajjeb huwa importanti wkoll biex il-membri u l-personal tal-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jivverifikaw jekk il-lobbisti humiex irregjistrati qabel ma jiltaqgħu magħhom. Is-sit web tal-EUTR fih informazzjoni pprovdua mil-lobbisti, ara l-Kaxxa 4, u xi partijiet minnu jistgħu jitfittxu.

73 Ivalutajna t-tip ta' informazzjoni dwar il-lobbisti disponibbli fuq is-sit web tal-EUTR, il-kapaċità tat-tiftix ta' din l-informazzjoni, il-punt sa fejn huwa possibbli li jitqabblu l-lobbisti, u l-użu faċli għall-utent tas-sit web. Għal paragun, ġarisa wkoll lejn is-siti web tal-Istati Membri u NGOs magħżula li jipprovdu informazzjoni dwar aspetti ewlenin tal-attivitajiet ta' lobbjar, ara l-Kaxxa 5.

Kaxxa 5

Siti web li jipprovdu informazzjoni dwar attivitajiet ta' lobbjar

Sit web tar-registro Ġermaniż tal-lobbjar

Fir-registro Ġermaniż tal-lobbjar, id-data tista' tiġi aċċessata f'format faċli għall-utent, l-informazzjoni statistika hija disponibbli, u d-data tista' tiġi ffiltrata u mfittxija bl-użu ta' diversi kategoriji.

Sit web immexxi minn NGO dwar lobbisti tal-UE

Imħaddha minn NGO, din il-bażi ta' data interattiva online tiġbor, tarmonizza u tippreżenta informazzjoni estratta mis-siti web tal-EUTR, id-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni, il-Parlament, u l-portal tad-data miftuħa tal-UE. L-utenti jistgħu jfittxu, jifiltraw, u jikkategorizzaw din l-informazzjoni b'mod faċli għall-utent bl-użu ta' dashboards u tabelli ta' valutazzjoni interattivi.

74 Osservajna li s-sit web tal-EUTR fih l-aktar informazzjoni dettaljata reċenti pprovdu ta' mil-lobbisti, iżda hemm limitazzjonijiet.

- L-informazzjoni dwar il-laqgħat tal-lobbisti tkopri biss dawk li jsiru mal-Kummissarji u mad-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni. Ma hemm l-ebda informazzjoni dwar il-laqgħat tal-lobbisti li jsiru mal-persunal tal-Kunsill, jew mal-MPE jew mal-persunal tal-Parlament. Għall-Parlament, xi informazzjoni bħal din tiġi ppubblikata fuq is-sit web tiegħu stess jew fuq il-paġni online ta' MPE individwali. Skont is-Segretarjat, il-Parlament bħalissa qed jiżviluppa għoddha għall-pubblikazzjoni tal-laqgħat, li hija maħsuba biex tkun marbuta mal-EUTR. Il-funzjoni tat-tiftix attwali fir-rigward tal-lobbisti hija bbażata fuq kriterji limitati u tkopri biss ċerti kategoriji. Mhuwiex possibbli li wieħed ifittek informazzjoni li tiffoka fuq lobbisti li jkunu Itaqgħu magħhom ċerti membri jew persunal. Huwa possibbli biss li wieħed jara informazzjoni dwar reġistrant tal-EUTR wieħed kull darba, u r-riżultati tat-tiftix jistgħu jiġu organizzati biss skont l-isem tal-lobbist, il-kategorija tar-reġistrazzjoni, id-data tar-reġistrazzjoni, u l-uffiċċju prinċipali tal-pajjiż. Ir-riżultati ma jistgħux jiġu kklassifikati skont kriterji utli oħra, bħal dawk li jonfqu l-aktar fuq il-lobbjar, l-ammont ta' għotjiet tal-UE riċevuti, ir-riżorsi tal-lobbjar, jew l-għadd ta' laqgħat.
 - Il-faċilità għall-utent tas-sit web bħalissa hija subottimali. L-interfaċċa tal-utent hija limitata għal formoli semplicej ta' tfittxija u ffiltrar. Hijja ma tipprovdix informazzjoni aggregata dwar il-lobbisti u l-attivitajiet tagħhom b'mod li jippermetti lill-utenti jinterrogaw id-data disponibbli. Barra minn hekk, ma tużax tekniki komuni ta' preżentazzjoni tad-data online, bħal dashboards u tabelli ta' valutazzjoni interattivi li jkunu interkonnessi b'mod dinamiku.
 - Għal-lobbisti li kienu tneħħew jew ġew sospiżi mir-registro, l-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' lobbjar precedingi tagħhom ma kinitx viżibbli matul is-sospensjoni u lanqas meta kienu reġgħu rregħiż. L-informazzjoni dwar lobbisti li kienu ġew sospiżi ilha disponibbli minn Marzu 2023 il-hawn fuq paġna sekondarja ddedikata.
- Ara l-**Kaxxa 6.**

Kaxxa 6

It-telf ta' informazzjoni storika dwar il-lobbisti jnaqqas it-trasparenza

Lobbist wieħed fil-kampjun tagħna tneħħha mill-EUTR f'Mejju 2020 minħabba li ma kienx għamel l-aġġornament annwali obbligatorju. Huwa reġa' rreġistra f'Ġunju 2020, iżda s-Segretarjat tah numru ta' identifikazzjoni ġdid. L-informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha tal-lobbist qabel Mejju 2020 marbuta man-numru ta' identifikazzjoni l-antik ma baqgħetx disponibbli fuq is-sit web pubbliku tal-EUTR. Dan it-telf ta' informazzjoni storika dwar il-lobbisti jnaqqas it-trasparenza.

Sibna wkoll każ fejn lobbist implikat f'"Qatargate" ġie sospiż mill-EUTR f'Diċembru 2022. Matul is-sospensjoni, l-informazzjoni dwar l-attivitajiet, il-baġits u d-data tal-laqgħat tiegħu ma kinitx viżibbli fuq is-sit web pubbliku sa Marzu 2023, meta l-informazzjoni dwar reġistranti sospiżi bdiet tiġi divulgata.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

75 Nikkonkludu li r-reġistru tat-trasparenza tal-UE jiprovdi informazzjoni utli biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu isegwu prattiki ta' lobbjar, iżda d-dgħufijiet u l-lakuni jnaqqsu t-trasparenza tal-attivitajiet ta' lobbjar li jseħħu fit-tliet istituzzjonijiet firmatarji.

76 Il-ftehim interistituzzjonali tal-2021 dwar ir-reġistru tat-trasparenza huwa ġeneralment konsistenti mal-prinċipji internazzjonali. Hemm qafas ċar u punt ta' dħul ċentralizzat għal-lobbisti li jixtiequ jiksbu aċċess għal informazzjoni dwar - jew biex jinfluwenzaw - l-iżvilupp tal-politiki, id-deċiżjonijiet jew it-tfassil tal-liġijiet tal-UE. Il-ftehim interistituzzjonali tal-2021 jinkludi dispożizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-applikanti u jirrikjedi l-aderenza tal-lobbisti ma' kodiċi ta' kondotta komuni. Madankollu, sibna li l-imżuri ta' infurzar biex jiġi żgurat li l-lobbisti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni u ta' informazzjoni huma limitati. Il-ftehim interistituzzjonali tal-2021 mhuwiex att-leġiżlattiv u għalhekk ma jistax jintuża biex jimponi sanżjonijiet fuq il-lobbisti, filwaqt li jistgħu jitneħħew mir-reġistru f'ċerti każijiet. Ara l-paragrafi [22](#) sa [26](#).

77 Il-ftehim interistituzzjonali tal-2021 introduċa l-prinċipju tal-kundizzjonalità, li permezz tiegħu l-membri jew il-persunal tal-istituzzjonijiet firmatarji suppost jinteraqixxu biss ma' lobbisti rreġistrati. Fil-prattika, l-istituzzjonijiet japplikaw dan il-prinċipju b'modi differenti. Dan irriżulta f'approċċi differenti, inkluż fir-rigward ta' x'jikkostitwixxi "laqgħa", u "laqgħa ma' min", fejn ir-reġistrazzjoni tal-lobbisti fir-reġistru tat-trasparenza tkun prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni f'laqgħat jew f'attivitajiet oħra. Huma biss il-laqgħat ta' lobbjar ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ogħla livell fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-Kummissjoni li huma suġġetti għal din il-prekundizzjoni. Il-Parlament ma japplikax il-prekundizzjoni għal laqgħat individwali ma' membri u persunal, tħlief għal ċerti laqgħat fil-kuntest ta' avvenimenti u attivitajiet (eż. seduti ta' smiġħ ta' kumitat). Ara l-paragrafi [27](#) sa [40](#).

Rakkomandazzjoni 1 – Tisħiħ u armonizzazzjoni tal-implementazzjoni tal-qafas tal-EUTR

Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet firmatarji jsaħħu u jarmonizzaw il-qafas li jeżisti, jew permezz tar-reviżjoni li jmiss tal-ftehim interistituzzjonali jew inkella permezz tad-deċiżjonijiet ta' implementazzjoni tagħhom, billi:

- (a) jipprovdu definizzjoni komuni ta' x'jikkostitwixxi “laqgħa” li tkopri l-iskambji skedati kollha mal-lobbisti;
- (b) jispeċifikaw li tal-anqas il-maniġment superjuri b'responsabbiltajiet ta' tfassil ta' politiki u ta' teħid ta' deċiżjonijiet (direttur u ogħla) jenħtieġ li jiltaqa' biss ma' lobbisti rreġistrati.

Data mmirata għall-implementazzjoni: Lulju 2025

78 It-tliet istituzzjonijiet firmatarji ħadu passi differenti biex iżidu t-trasparenza u jinkoraġġixxu r-reġistrazzjoni, permezz ta' miżuri komplementari. Dan wassal għal żieda fil-publikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat u attivitajiet ma' lobbisti rreġistrati. Madankollu, tali informazzjoni ma tiġix ippubblikata b'mod sistematiku. Filwaqt li mhuwiex possibbli li tintalab reġistrazzjoni minn qabel tar-registro tat-trasparenza għal laqgħat spontanji, interazzjonijiet tal-lobbjar ta' dan it-tip jaf ikunu mmirati wkoll biex jinfluwenzaw il-politiki u ma jkunux koperti mill-qafas tar-registro tat-trasparenza. Ara l-paragrafi [41](#) sa [46](#).

Rakkomandazzjoni 2 – Jippublikaw informazzjoni dwar laqgħat mhux skedati mal-lobbisti

Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet firmatarji jippublikaw informazzjoni dwar laqgħat mhux skedati fejn ikun sar il-lobbjar.

Data mmirata għall-implementazzjoni: Lulju 2025

79 Is-Segretarjat tar-registro tat-trasparenza huwa struttura operattiva konġunta li twaqqaf biex jimmaniġġja l-funzjonament tar-registro tat-trasparenza. L-arranġamenti ta' ħidma tas-Segretarjat mhumiex formalizzati, u n-natura konġunta tiegħu teħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni sinifikanti. Is-Segretarjat ma għandux regoli ta' proċedura li jispeċifikaw kif it-tliet istituzzjonijiet għandhom jaħdmu flimkien biex jikkoordinaw ix-xogħol tiegħu fuq kompiti bħad-distribuzzjoni tal-ammont ta' xogħol bejn il-persunal

tal-istituzzjonijiet jew it-trasferiment tal-każijiet. Dan iżid ir-riskju għall-ineffiċjenza operazzjonali. Ara l-paragrafi **49** sa **58**.

80 Is-Segretarjat jivverifika l-kwalità tad-data tar-reġistranti jew fil-mument tal-applikazzjoni, wara l-menti, jew fuq bażi *ad hoc*. Dan ifisser li, ladarba jiġu rreġistrati, xi wħud mir-reġistranti biss jiġu sussegwentement ivverifikati biex jiġi żgurat li d-data tagħhom tkun aġġornata u konformi ma' kwalunkwe rekwiżit ġdid. Filwaqt li s-sistema tal-IT tas-Segretarjat tissenjala r-riskji tal-kwalità tad-data għal reġistranti speċifiċi, dawn ma jingħataw segwit u b'mod sistematiku. Identifikajna problemi bil-kwalità tad-data, bħal reġistrazzjonijiet duplikati, *data* finanzjarja inkonsistenti jew mhux kompleta, u *data* obbligatorja nieqsa. Sibna wkoll dokumentazzjoni insuffiċjenti tal-verifikasi. Osservajna titjib reċenti fil-verifikasi tas-Segretarjat. Ara l-paragrafi **59** sa **68**.

81 Hemm riskju li l-NGOs iffinanzjati minn partijiet terzi jistgħu jevitaw li jiddivulgaw informazzjoni dwar is-sorsi ta' finanzjament tagħhom billi jiddikjaraw li jirrappreżentaw biss l-interessi tagħhom stess jew l-interessi kollettivi tal-membri tagħhom. Dan minħabba li l-għażla tar-reġistranti tal-kategorija tar-rappreżentanza ta' gruppi ta' interessa hija bbażata fuq awtodikjarazzjoni. Filwaqt li hemm xi struzzjonijiet għar-reġistranti dwar dan, ma sibniex evidenza li s-Segretarjat jivverifika dawn id-dikjarazzjoni b'mod sistematiku. Ara l-paragrafi **69** sa **71**.

Rakkomandazzjoni 3 – Titjib tal-verifikasi tal-kwalità tad-data

Biex tittejjeb il-kwalità tad-data tar-reġistratu ta' trasparenza, jenħtieġ li s-Segretarjat:

- jippjana verifikasi regolari tal-kwalità tad-data biex b'hekk ir-reġistranti kollha jiġu vverifikati mill-inqas darba fuq perjodu ta' tliet snin, u jivverifika b'mod sistematiku dawk ir-reġistranti fejn il-kontrolli awtomatizzati jkunu identifikaw riskji;
- jivverifika l-kompletezza u l-preċiżjoni tad-data finanzjarja dwar l-ghotjet tal-UE (eż. kontroverifikasi mas-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni);
- jipprovdi gwida ċara u jivverifika b'mod sistematiku l-validità tar-rappreżentanza tal-interessi ddikjarata mill-applikanti u r-reġistranti;
- jiddokumenta l-verifikasi kollha tal-kwalità tad-data fis-sistema tal-IT tiegħu, inklużi dawk il-verifikasi li ma jidentifikawx problemi.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Tmiem I-2025

82 Id-divulgazzjoni tal-attivitajiet ta' lobbjar għandha l-għan li tippovdi informazzjoni suffiċjenti u pertinenti dwar aspetti ewlenin tal-attivitajiet ta' lobbjar biex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku. Madankollu, is-sit web pubbliku tal-EUTR għandu limitazzjonijiet sinifikanti f'dan ir-rigward. Xi *data* importanti, bħal-laqgħat tal-Parlament, u *data* storika dwar entitajiet ir-reġistrati mill-ġdid mhijiex disponibbli. Barra minn hekk, is-sit web ma jipprovdix *data* aggregata dwar il-lobbisti u dwar l-attivitajiet tagħhom b'mod interattiv u faċli għall-utent. Ara l-paragrafi **72** sa **74**.

Rakkomandazzjoni 4 – Titjib tal-faċilità għall-utent u r-rilevanza tas-sit web pubbliku tar-reġistru tat-trasparenza

Jenħtieġ li s-Segretarjat ittejjeb ir-rilevanza u l-faċilità għall-utent tas-sit web pubbliku tar-reġistru ta' trasparenza billi:

- (a) jipprovdi informazzjoni aggregata dwar il-lobbisti u dwar l-attivitajiet tagħhom f'dashboards u tabelli ta' valutazzjoni interattivi, biex b'hekk l-utenti jkunu jistgħu janalizzaw u jqabblu d-*data* li tkun disponibbli mingħand sorsi differenti;
- (b) jintegra u jorbot informazzjoni dwar il-lobbisti fir-reġistru tat-trasparenza ma' informazzjoni ppubblikata dwar l-attivitajiet ta' lobbjar tagħhom, inklużi laqgħat mal-membri u l-persunal tal-istituzzjonijiet (inklużi l-MPE);
- (c) jagħmel disponibbli l-informazzjoni storika kollha dwar il-lobbisti li tkun tnejħiet jew ġiet sospiża mir-reġistru tat-trasparenza, inklużi l-laqgħat tal-lobbjar tagħhom.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Tmiem l-2025

Dan ir-Rapport għie adottat mill-Awla V, immexxija mis-Sur Jan Gregor, Membru tal-Qorti tal-Audituri, fil-Lussemburgo fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Frar 2024.

Għall-Qorti tal-Audituri

Tony Murphy
II-President

Annessi

Anness I – Definizzjonijiet ta' lobbjar

Sors	Definizzjoni ta' lobbjar
Definizzjoni storika 	L-Oxford English Dictionary jirreġistra tifsira għan-nom “lobby”, li tmur lura għal mill-inqas l-1640 u li hija ddefinita bħala post għal-leġiżlaturi u l-membri tal-pubbliku biex jiltaqgħu u jiddiskutu kwistjonijiet.
Letteratura akademika 	Il-letteratura akademika tiddefinixxi l-lobbjar bħala sforz konċertat biex jiġu influenzati l-formulazzjoni tal-politiki u t-teħid ta' deċiżjonijiet, bil-ħsieb li jinkiseb xi riżultat deżejnat mingħand l-awtoritajiet tal-gvern u r-rappreżentanti eletti, normalment imwettaq minn gruppi organizzati jew individwi b'interessi spċifici (Regulating lobbying: A global comparison, Chari et al. 2019).
Professionisti tar-relazzjonijiet pubbliċi 	Definizzjoniwaħda ta' "lobbjar" ipporduta mill-Public Relations Institute of Ireland hija l-isforzi spċifici biex jiġi influenzat it-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi jew billi ssir pressjoni għal bidla fil-politika jew billi tfittex li tipprevieni bidla bħal din. Tikkonsisti f'rappreżentazzjoni l-kwalunkwe detentur ta' kariga pubblika dwar kwalunkwe aspett ta' politika, jew kwalunkwe miżura li timplimenta dik il-politika, jew kwalunkwe kwistjoni li tkun qed titqies, jew li x'aktarx titqies minn korp pubbliku.
Il-Kunsill tal-Ewropa 	Skont il-Kunsill tal-Ewropa, il-lobbjar huwa ġeneralment mifhum bħala sforz miftiehem biex jiġu influenzati l-formulazzjoni tal-politiki u t-teħid ta' deċiżjonijiet bil-ħsieb li jinkiseb xi riżultat deżejnat mingħand l-awtoritajiet tal-gvern u r-rappreżentanti eletti. F'sens usa', it-terminu jista' jirreferi għal azzjonijiet pubbliċi (bħal dimostrazzjoni) jew attivitajiet ta' "affarijiet pubbliċi" minn diversi istituzzjoni (assoċjazzjoni, konsulenzi, gruppi ta' promozzjoni, gruppi ta' riflessjoni, NGOs, avukati, eċċ.); f'sens aktar restrittiv dan ikun ifisser il-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi mis-settur korporattiv (lobbjar korporattiv) proporzjonat mal-piż tiegħu fix-xena nazzjonali jew globali.
L-OECD	Skont l-OECD, il-lobbjar huwa parti naturali mill-proċess demokratiku. Permezz tal-kondiviżjoni tal-ġħarfien espert, il-ħtiġiġiet leġittimi, u l-evidenza dwar il-problemi ta' politika u kif għandhom jiġu indirizzati, gruppi ta' interess differenti jistgħu jipprovd lill-gvernijiet b'għarfien u data siewja li fuqhom jibbażaw il-politiki pubbliċi. Informazzjoni mingħand diversi interessi u partijiet ikkonċernati tgħin lil dawk li jfasslu l-politika jifhmu l-għażiex u l-kompromessi, u tista' twassal, fl-aħħar mill-aħħar, għal politiki aħjar.

Anness II – Rekwiżiti ta' divulgazzjoni finanzjarja differenti

Tipi ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess:

- (A) Jippromwovu l-interessi tagħhom stess jew l-interessi tal-membri tagħhom
- (B) Javvanzaw l-interessi tal-klijenti (intermedjarji)
- (C) Ma jirrappreżentawx interessi kummerċjali


Data u informazzjoni finanzjarji li l-applikanti jew ir-reġistranti kollha jeħtieġ li jipprovdu			(A)	(B)	(C)
Entità ffurmata ġidida (Iva/Le)			✓	✓	✓
Is-sena finanzjarja l-aktar reċenti			✓	✓	✓
Bidu tas-sena magħluqa u tmiem is-sena magħluqa			✓	✓	✓
Stima tal-kostijiet annwali relatati mal-attivitajiet koperti mill-EUTR			✓	✗	✗
Stima tad-dħul annwali totali			✗	✓	✗
Baġit totali			✗	✗	✓
Informazzjoni komplementari			✓	✓	✓
Intermedjarji ingaġġati biex iwettqu attivitajiet koperti f'isimha	Fis-sena finanzjarja li tkun għalqet l-aktar reċentement	L-isem tal-intermedjarju, il-kostijiet tar-rappreżentazzjoni	✓	✗	✗
	Fis-sena finanzjarja attwali	L-isem tal-intermedjarju, il-kostijiet tar-rappreżentazzjoni	✓	✗	✗
Klijenti rilevanti li f'isimhom l-applikant kien involut f'attivitajiet ta' rappreżentanza fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni	Fis-sena finanzjarja li tkun għalqet l-aktar reċentement	Lista sħiħa ta' klijenti li jispeċifikaw: (a) l-ismijiet sħaħ tagħhom (l-ebda akronimu, l-ebda isem ġeneriku), (b) id-dħul, u (c) proposti leġiżlattivi, politiki jew inizjattivi tal-UE mmirati mill-attivitajiet koperti f'isem dan il-klijent speċifiku (li jikkorrispondu għall-entrati taħt l-Intestatura 9 tal-formola ta' regiżazzjoni)	✗	✓	✗
	Fis-sena finanzjarja attwali	Isem il-klijent	✗	✓	✗
Finanzjament	Għal kull kontribuzzjoni li taqbeż 10 % tal-baġit totali U aktar minn EUR 10 000	Sors ta' finanzjament skont il-kategorija (finanzjament u għotjet tal-UE, finanzjament pubbliku, għotjet mhux tal-UE, donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet tal-membri) L-isem, l-ammont, is-sors tal-finanzjament tal-kontributur	✗	✗	✓
Għotjet li jikkontribwixxu għall-kostijiet operazzjonali tal-applikant/tar-reġistrant	Fis-sena finanzjarja li tkun għalqet l-aktar reċentement	Sors, ammont, ammont totali ta' għotjet tal-UE	✓	✓	✓
	Fis-sena finanzjarja attwali (Iva/Le)	Sors, ammont, ammont totali ta' għotjet tal-UE	✓	✓	✓

✓ Meħtieġ

✗ Mhux meħtieġ

Sors: il-FII 2021 u l-Linji Gwida għall-applikanti u r-reġistranti.

Anness III – Tipi ta' reġistranti u rappreżentazzjoni tal-interessi ddikjarata



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-FII 2021 u l-EUTR.

Abbrevjazzjonijiet

ABAC: Sistema tal-kontabilità fuq il-bażi tad-dovuti

EUTR: Reġistru tat-Trasparenza tal-UE

FII: Ftehim interistituzzjonali

NGO: Organizzazzjoni nongovernattiva

OECD: Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

TR-ADMIN: Sistema tal-IT tal-back office tas-Segretarjat tal-EUTR

Glossarju

Applikant: Kwalunkwe lobbist li japplika biex jiddaħħal fir-reġistru.

Attivitajiet koperti: Attivitajiet ta' lobbjar inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FII.

Ftehim interistituzzjonali: Dokument maqbul b'mod konġunt li jirregola ċerti aspetti ta' konsultazzjoni u kooperazzjoni bejn I-istituzzjonijiet tal-UE.

Intermedjarju: Lobbist li javvanza l-interessi ta' klijent billi jwettaq attivitajiet ta' lobbjar.

Klijent: Lobbist li jkun daħal f'relazzjoni kuntrattwali ma' intermedjarju bl-għan li dan l-intermedjarju javvanza l-interessi ta' dak ir-rappreżentant ta' grupp ta' interess billi jwettaq attivitajiet koperti.

Kundizzjonalità: Prinċipju li permezz tiegħu, biex ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jitħallew jagħmlu lobbjar, l-ewwel iridu jiġu inklużi fl-EUTR.

Rappreżentant ta' grupp ta' interest: Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp, assoċjazzjoni jew network formali jew informali, li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' lobbjar koperti mill-ftehim interistituzzjonali dwar I-EUTR.

Reġistrant: Kwalunkwe lobbist li ismu huwa inkluż fl-EUTR b'entrata fir-reġistru.

Risposti tal-Parlament

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-05>

Risposti tal-Kunsill

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-05>

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-05>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-05>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompli tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla V tal-Auditjar, Finanzjament u amministrazzjoni tal-UE, li hija mmexxija minn Jan Gregor, Membru tal-QEA. L-awditi tmexxa minn Jorg Kristijan Petrovic, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Martin Puc, Kap tal-Kabinett u Mirko Iaconisi, Attaché tal-Kabinett; Margit Spindelegger, Maniġer Prinċipali; Attila Horvay-Kovacs, Kap tal-Kompli; Gediminas Macys, Quirino Mealha, Nita Tennilä, Elitsa Pavlova u Tetiana Lebedynets, Awdituri. Jennifer Schofield ipprovdiet appoġġ lingwistiku.



Mix-xellug għal-lemin: Gediminas Macys, Attila Horvay-Kovacs, Elitsa Pavlova, Tetiana Lebedynets, Mirko Iaconisi, Jorg Kristijan Petrovic, Margit Spindelegger, Martin Puc, Nita Tennilä, Jennifer Schofield u Quirino Mealha.

DRITT TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbi għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkant jidher jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

- Il-Figuri 2, 5 u 7 – Ikon: dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn <https://flaticon.com>. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma eskużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonal tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-1932-1	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/388217	QJ-AB-24-006-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-1969-7	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/491575	QJ-AB-24-006-MT-N

Il-lobbjar huwa għodda demokratika essenzjali li tippermetti lil organizzazzjonijiet u individwi jagħtu input fil-politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea waqqfu r-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE permezz ta' ftehim interistituzzjonal, u aktar tard ingħaqad ukoll il-Kunsill.

Ivvalutajna jekk ir-reġistru huwiex mezz utli biex tiġi pprovduta trasparenza dwar l-aktivitajiet ta' lobbjar fil-politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE. Sibna li dan jiprovo informazzjoni utli liċ-ċittadini. Madankollu, id-dgħufijiet u l-lakuni f'dik l-informazzjoni jnaqqsu t-trasparenza tal-aktivitajiet ta' lobbjar li jseħħu fit-tliet istituzzjonijiet firmatarji.

Nirrakkomandaw li jissaħħaħ il-qafas tar-reġistru u li tiġi ppubblikata informazzjoni dwar laqgħat mhux skedati mal-lobbisti. Barra minn hekk, nirrakkomandaw li jitjiebu l-verifikasi tal-kwalità tad-data u l-faċilità tal-utent u r-rilevanza tas-sit web pubbliku.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Publikazzjoni
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors